**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 3 ta' Lulju, 2024**

Numru 6

**Appell Nru. 48/2023**

**Giuseppe Palumbo**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar u**
**l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Giuseppe Palumbo tat-8 ta' Awwissu 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-20 ta' Lulju 2023 rigwardanti l-avviz ta' enforzar EC369/16 li jghid hekk: "Ghandek zvilupp minghajr permess (rikjest mill-Artikolu 70) li jikkonsisti minn bdil ta' uzu tal-art ghal-"landfill" permanenti, kif ukoll ghandek attivita minghajr licenzja li tikkonsisti minn depozitu, ghall-aktar minn sena, ta' materjal ta' skart u materjal iehor mhux inert f'sit mhux awtorizzat u mirdum taht pjattaforma ta' konkos bi ksur fost l-ohrajn tar-regolamenti tal-AL 168/02 u tar-regolamenti tal-A.L. 184/11, peress illi, bhala detentur ta' dan l-iskart, ma hadt l-ebda

azzjoni sabiex dan l-iskart jigi trasportat ghall-irkupru, trattament jew disponiment iehor skont il-ligi." It-Tribunal ikkonferma l-avviz ta’ enforzar hlief ghal dik il-parti fejn it-Tribunal qies li ma hemmx ksur tal-Avviz Legali 184/2011.

Rat ir-risposta tal-Awtorita tal-Ippjanar li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud;

Rat ir-risposta tal-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi li wkoll issottomettiet li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell gie mressaq fil-konfront tal-Avviz ta' Twaqqif u Twettiq u Ordni ta' Konformita numru ECF 369/16 ghal zvilupp minghajr permess li jinkludi bdil tal-uzu tal-art ghal *landfill,* u attivita` minghajr licenzja li tikkonsisti minn depozitu ta' materjal ta' skart u materjal iehor mhux inert li gie mirdum taht pjattaforma tal-konkos. Is-sit in kwistjoni jinsab fil-konfini tat-tarzna tal-Palumbo, fil-lokalita ta’ Bormla

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellant jikkontesta l-istess bis-segwenti erba` (4) aggravji:
1. Illi dwar il-pjattaforma jindika li tali ntervent ma jirrikjedi l-ebda permess u dan ai terminital-Artikolu 70 tal-Kapitolu 552 stante dak li sar huwa restawr ta' pjattaforma gja ezistenti fejn il-livelli ma nbidlux, b’referenza ssir ghad-decizjoni tat-Tribunal moghtija fl-appell numru 171/09;
2. Illi dwar il-bdil ta' uzu ghal *landfill* jinghad li s-sit indikat fuq is-*site plan* tal-Avviz jirraprezenta parti triq u parti pjattaforma tal-konkos, u dan huma mizmuma fi stat impekkabli u minghajr ebda hjiel ta' zibel fuq il-post, filwaqt li l-iskart kollu ggenerat fis-sit jigi mmaniggjat *in linea* ma' dak li kien sa minn dejjem stabbilit fil-*Waste Management Plan* approvat minn *Transport Malta* sa mis-sena 2011. Ghalhekk jindika li m’hemmx *'permanent site, more than one year, which is used for temporary storage of waste'* kif hemm ravvizat flAvviz Legali 268 tal-2002;
3. Illi l-allegazzjoni li materjal ta' skart u materjal iehor mhux inert mirdum fis-sit hija ghal kollox infondata, u b'kuntrast ma' dak allegat, gie kkummissjonat espert Dr. Robert Cortis lura fl-2014 sabiex jirredigi rapport dwar l-istat tal-materjal fiz-zona tal-pjattaforma. Jindika li l-analizi saret abbazi ta' hames kampjuni li ttiehdu minn fuq il-post f'Settembru 2014 mill-ufficiali tal-Awtorita dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp (MEPA) u sussegwentement dawn intbatu ghall-analizi u flimsemmi rapport jinghad bla tlaqliq li *'the site have shown that the site could overall be classed as a non-hazardous one’*;
4. Illi ma gietx moghtija raguni kif fir-rigward tal-allegat ksur tal-Avviz Legali 168 tal-2002 u talAvviz Legali 184 tal-2011, b’tali agir jammonta ghal dikjarazzjoni bla gustifikazzjoni. Jargumenta li f’kaz ta’ Avviz ta’ Nfurzar, l-Awtorita' ghandha tkun ezatta u korretta, filwaqt li josserva li limsemmija Avvizi ma jaqghux taht il-gurisdizzjonj ta' l-Awtorita li harget dan l-Avviz.

Illi b’reazzjoni ghall-appell odjern, giet prezentata risposta kongunta bejn l-Awtorita` tal-Ambjent (ERA) u 1-Awtorita` tal-lppjanar (PA) [Dawn l-awtoritajiet ssuccedew il-funzjonijiet li

qabel kienu assenjati lil-MEPA] li fiha jigu ndikati l-persuni u kumpaniji li filkonfront taghhom inhareg l-avviz odjern u jishqu li dan inhareg skont kif rikjest fil-ligi. Jishqu ulterjorment li l-bdil ta' uzu tal-art jirrikjedi permess skond l-Artikolu 97(1) tal-Att VII tal-2016, u oltre dan l-avviz isemmi bdil ta' uzu tal-art ghall-*landfill* permanenti ghal aktar minn sena kontra 1-Avviz Legali 168 tal-2002 u 184 tal-2011'. Jindikaw ukoll li l-imsemmija illegalitajiet gew kollha sostanzjati bl-investigazzjonijiet li saru mill-istess Awtoritajiet fejn irrizulta ampjament car li taht il-pjattaforma tal-konkos intrema, inhazen u ntradam '*used grit*' bla permess.

Illi fil-mori tal-appell gew prezentati s-segwenti affidavits mill-Awtorita` tal-Ippjanar:
-Fl-affidavit ta' Franky Scerri, ufficjal fi hdan id-Direttorat tal-Infurzar, gie ndikat li f'Awwissu - Settembru tal-2014 huwa kien rcieva rapport dettaljat sostnut b'ritratti li fih saru allegazzjonijiet fuq attivitajiet f'*Palumbo Ship Yards*, bl-allegazzjonijiet kienu (i) dwar materjal uzat ghal grit blasting li kien gie mirdum taht saffi ta' konkrit, (ii) dwar hazna go mini vicin il-bacir numru 6 ta' kontenituri bi kwantitajjet ta' zejt uzat; u (iii) dwar likwidu iswed originat min fuq il-vapuri fil-vicinanzi tal-bacir numru 6. Jindika li kien saru arrangamenti sabiex flimkien ma' fotografu professjonali u permezz ta' helicopter tal-Forzi Armati ta' Malta, jittiehdu diversi ritratti mill-ajru, u deher bic-car li fuq il post kien hemm ammont kbir ta' *grit*, li dak il-hin kien qed jigi mghobbi fuq bastiment bl-isem ta *RMS Baerl*. Gie osservat li mal-bieb tal-bacir numru 6 il-bahar kien imdardar u ta' kulur differenti, bl isbokk ta' possibilment likwidu, vicin is-sistema tal-impjant tal- pompi tal-bacir. Segwenti sar access fuq il-post li fieh gew identifikati 4 postijiet sabiex jitqattaw kaxxi investigattivi, u meta sar dan irrizulta li taht il-konkos kien hemm trab fin iswed li jixbah *grit* li kien qed jitghabba fuq il-vapur, b'diversi kampjuni gew mehuda, u t-toqob tal-kaxxi reghu gew mimlija b'konkos. Gie spezzjonat ukoll minn fejn kien innutat li hiereg il-likwidu fil-bahar, fejn irrizulta li d-'Dock Yard' huwa mghammar b' sistema kumplessa ta' gandotti, u f'gandott partikolari gie nnutat li kien hemm kull tip ta' materjal sedimentat u skart li kien akkumula matul is-snin, b'dan il-gandott iwassal ghal bahar fejn giet innutata dahna ta' kulur caffelatte. Jindika li dak il-hin is-Sur Calleja ta' ordnijiet sabiex jigi maghluq il-gandott, u ftit tal-hin wara il-likwidu li kien hiereg fil-bahar waqaf. Gew spezzjonati wkoll diversi mini li hemm mal-genb tal-baciri, b'ufficjali mid-Dipartiment tal-Artijiet gew fuq il-post sabiex jghinu fl-identifikazzjoni tal- accessi, u minkejja li gew miftuha diversi mini fl-ebda wahda min dawn ma'nstab materjal mahzun. Saret ukoll il-hames hofra investigattiva izda f'dan ilkaz ma nstab xejn. [Sottomissjoni datata 31 t'Awwissu 2017]
-Fl-affidavit ta' Joseph Abela Medici, ufficjal fi hdan id-Direttorat tal-Infurzar, gie ndikat li fl-2014 saru diversi allegazzjonijiet dwar rimi ta' skart illegali fil-*Palumbo Ship Yards* li b'mod ewlieni kienu jaghmlu referenza ghal rimi grit uzat li gie llivellat magenb il-bini imsejjha *Smithery Block* u mghotti bil-konkos. Jindika li saru l-preparamenti sabiex issir investigazzjoni, bl-ghan ewlieni kien li jigu mehuda *samples* mill-art, u waqt l-investigazzjoni gew imqatta 4 kaxxi investigattivi, circa metru kwadru, magenb iz-zona Smithery li tammonta ghal circa 1700 m.k., b'wahda minnhom giet imqatta fil-binja Smithery li tammonta ghal circa 700 m.k. Spjega li wara li gie mnehhi s-saff tal-konkos, fl-4 zoni gie misjub trab fin iswed, b'diversi kampjuni gew mehuda min kull toqba u min fond divers, b'dawn gew rispettivament kodifikati, fotografati u dokumentati. Jindika li Palumbo wkoll hadu kampjuni mill-hofor, kif ukoll li saret il-hames hofra fiz-zona ta' *Smithery*, izda min din il-hofra ma rrizulta xejn. Jindika li l-ahhar tal-ispezzjoni il-hofor gew mimlija fil-konkos, u sussegwenti l-kampjuni gew mehuda l-Universita ta' Malta ghal analizi li minnu rrizulta li ttrab kien grit uzat u li ma kienx meqjus li huwa sikur li dan jigi nkluz fit-tahlita tal-konkos. Jindika ulterjorment li c-CEO tal-Palumbo kien prezenti tul il-process kollu talinvestigazzjoni, u li waqt l-ispezzjoni kien gie nfurmat li l-grit ma kellux jigi wzat minflok materjali inert, u minkejja dan l-imsemmi grit ghadu prezenti fuq is-sit. Jindika li wara konsultazzjoni ma' diversi esperti fi hdan l-*Environment Directorate* tal-MEPA gie deciz li jinhareg Avviz ta' Nfurzar fir-rigward tal-ligijiet tal-ippjanar u ambjentali, u minkejja l-qasma tal-MEPA, id-Direttorat tal-Infurzar fi hdan il-PA iddecieda li johrog l-avviz minhabba li lmandat ta' nfurzar fuq l-ambjent kien ghadu taht il-kompetenza tal-PA sal-ahhar ta' Lulju 2016. Jindika wkoll li minkejja li Palumbo giet moghtija perjodu ta'

15-il gurnata sabiex jipprovdu *method statement* li jindika kif il-materjal ser jitnehha, din injorat tali talba. [Sottomissjoni datata 5 t'Ottubru 2017]

Illi fin-nota tal-appellant jigi argumentat is-segwenti:

●Illi l-aktar punt ta' mportanza huwa li l-Ordni Ta' Twettiq inhareg meta kien qed isir xoghol ta' manutenzjoni u tindif u tnehhija ta' materjal u hmieg varju li kien ilu hemm hafna snin, b'tali xogholijiet qatt ma seta' jikkostitwixxi *landfill* permanenti fuq sit mhux awtorizzat. Jargumenta li l-kelma '*landfill* permanenti' timplika u tallega li l-operatur akkumula, iddeposita jew pogga materjal meta fir-realta kif jirrizulta kien qed jaghmel proprju lkuntrarju. Jargumenta wkoll li l-allegazzjoni li x-xoghol sar fuq sit mhux awtorizzat ukoll hija skoretta ghaliex it-Tarzna hija sit awtorizzat minnha nnifisha, bis-socjeta tal-Palumbo hija marbuta li taghmel xogholijiet ta' manutenzjoni regolari. Jindika li kontrarjament ghaldak allegat, fir-realta il-manutenzjoni nehha kull hmieg u s-sit sar utilizzabbli u denju sabiex jippostjaw superyachts, u filwaqt li hija setghet rriabilitat l-attrezzatura u rriattivat l-operat tal-*blasting*, zzarma apparat antik u tnaddaf il-hmieg;

●Illi fir-rigward tal-provi tal-Awtorita`, ssir referenza ghax-xhieda tac-CEO tal-MEPA u l-affidavit ta' ufficjali fi hdan id-Direttorat tal-Infurzar li fiha saret referenza ghal ritratti mill-ajru, b'dawn stess huma provi li tikkonferma l-oggezzjoni taghhom rigwardanti l-Ordni ghaliex dan fil-fatt juru illi l-istat tas-sit in kwistjoni li qabel kien jintuz sabiex isir blasting, u li ghal diversi snin thalla mitluq u abbandunat qabel ma saru x-xogholijiet ta' manutenzjoni. Jindika wkoll li kif jirrizulta mir-ritratti u rrapport, kull materjal li seta' thalla hemmhekk tnehha gewwa diversi *skips* u dan sal-grad prattikament possibli, u l-ezistenza ta' materjal li thalla hemmhekk ghal bosta snin kien evidenti u kkonfermat min diversi ritratti esebiti miz-zewg partijiet. Jindika wkoll li parti min din iz-zona ghadha fl-istess stat antik u dan juri li ma kienx hemm depositu ta' ebda tip izda *debris* ta' kull tip. Issir referenza ghall-Artiklu 70 (2)(a) u jindika li dan jikkonferma li lmanutenzjoni li saret ma kienx jehtigilha permess u addirittura anke jekk is-socjeta riedet setghet zzid u tinstalla apparat jew impjanti relavanti mal-operat tas-sit;

●Illi fir-rigward tal-provi taghhom jindikaw li r-rapport tad-Dipartiment tal-Artijiet jikkonferma li mkien ma kien hemm twaqqiegh u/jew bini mill-gdid, bl-imsemmi rapport gie redatt minhabba obbligi kuntrattwali tal-koncessjoni emfitewtika moghtija mill-Gvern ta' Malta li jinkludi obbligu sabiex jigu mwettaq progetti ta' modernizzar u zvilupp fit-Tarzna. Jindika li ritratti kollha esebiti waqt il-provi mid-diversi xhiedha tas-socjeta attrici huma kollha ritratti mehudha mir-rapport REPORT no JCG/PMSL/03/2013 rapport redatt mill-Inginier John C Gafa, li juru s-sit qabel ma saru xxogholijiet ta' manutenzjoni u t-titjib u zvilupp kontinwu li sar fit-Tarzna, b'dan jikkonferma li m'huwiex minnu li s-socjeta appellanti ddepositat *grit* bhala *landfill*;

●Illi l-indikazzjoni ta' *landfill* permanenti timplika hazna u kwantita kunsiderevoli ta' materjal u mhux debris u fdalijiet ta' grit li kien ilu hemm diversi snin u li m'huwiex umanament possibli li jitnaddaf b'mod li jeskludi kull tracca tal-fdalijiet. Fix-xhieda tac-CEO tal-MEPA gie ndikat li meta dan irceva rapporti annonimi, huwa ma kellu ebda alternattiva hlief li jinvestiga l-allegazzjonijiet, filwaqt li huwa evidenti li r-rapport kien wiehed malizzjuz;

●Illi l-Avviz ta' Nfurzar in kwistjoni nhareg wara sentejn min meta kienu marru ufficjali tal-MEPA, u fix-xhieda ta' Franky Scerri gie kkonfermat li x-xogholijiet kollha kienu ilhom li saru xi sentejn qabel, u b'referenza ghal dak li gie ndikat fuq il-media lokali, jindika li r-ritratt fuq l-artikolu li deher fuq itTimes of Malta ma kienx juri s-sit kif kien jinstab waqt l-access tal-Awtorita. Ikompli jindika li rritratt juru car il-makkinarju, *debris* u sahansitra *skips* mimlija bil-*grit* u materjal iehor li kien qed jigi migbur, u jargumenta li kieku kien hemm xi intenzjoni li jitpogga l-*grit*, ma kienx ikun hemm dawn l-i*skips*. Dan juri li s-socjeta ma kienetx qed tiddeposita grit izda kienet proprju qed tnehhi, tigbor, tizbarazza u tnaddaf l-area. Issir referenza partikolari ghal tip ta' makkinarju orangjo indika li jigbor il-grit u li jissejjah Grappel Excavator li ntuza sabiex jigbor dan it-tip ta' materjal, b'dan huwa vizibli fir-ritratt tal-artiklu tal-gazzetta u fir-ritratt mghoti lic-CEO tal-MEPA. Dan juri b'certezza illi l-ezercizzju li kien sar fl-2012 kien sabiex jitnehha kull materjal makkinarju nutilizzat u parti minn dan is-sit baqa fl-istat ta' kif kien qabel minhabba din l-investigazzjoni, bir-ritratti esebiti fl-affidavit tal-Awtorita juri l-istat li kien fih is-sit qabel ma saru x-xogholijiet li jinkludi art li tinhtieg tigi invellata;

●Illi dwar it-testijiet u rapporti tal-esperti jindika hija pertinenti l-prova tal-kwantita u volum necessarju sabiex tali allegazzjoni setghet tigi ippruvata. Jindika li huwa stabilit li s-sit dejjem kien jintuza ghall-hazna tal-pjanci tal-hadid u kienu jigu trattati bil-*grit blasting*, u li tali operat kien waqaf ghal diversi snin, ferm qabel ma' Palumbo hadet l-operat tat-Tarzna. Jaghmel referenza ghar-rapport redatt mill-Inginier John C Gafa u ghax-xhieda ta' Joseph Calleja li fiha gew esebiti sensiela ta' dokumenti u ritratti rigwardanti s-sekwenza ta' xogholijiet ta' tindif u tnehhija ta' materjal u li dan kollu juri li ma tpogga jew thalla ebda materjal li jikkwalifika bhala landfill jew rdim. Jindika li t-testijiet li saru mill-partijiet kienu fuq kampjuni identici, u fil-konkluzjoni tal-ezamijiet li saru mill-Universita ta' Malta gie mistqarr li l-materjal jista` potenzjalment jkun *hazardous*, b'dan irendi r-rapport bhala wiehed inkonklussiv. B'kuntrast, l-ezamijiet li saru mill-Palumbo kienu fl-laboratorju akkreditat flIngilterra li jikkonfermaw minghajr ekwivoku *"the results have shown that the site could overall be classed as a non hazardous one'*, filwaqt li Dr Alfred Vella mill-Universita ta' Malta kkonferma wkoll li l-laboratorju tal-Universita ma ghandu ebda akkreditar skond listandard mitlub mill-MEPA. Jargumenta li l-mertu tal-kaz m'huwiex jekk il-kampjuni kellhomx tracci ta' *grit* izda jekk l-imsemmija gaps gewx mimlija u mirduma bi kwantita ta' *grit* li jikkwalifika bhal *landfill*. Issir referenza ghall-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar tarrapport ta' Dr Robert Cortis li jikkonferma li sabiex wiehed jasal ghall-analizi korretta dejem jittiehed *Site Average* wara li jigu stabiliti *thresholds* permessibli internazzjonalment. Isir ukoll paragun ta' diversi aspetti ta' dawn ir-rapporti u testijiet;
●Illi diversi dokumenti pprovduti juri li s-socjeta Palumbo titratta l-iskart b' mod idonju wara li tapplika u tinghata permessi ufficjali sabiex dan l-iskart jigi esportat, bl-ufficjali tal-MEPA u l-ERA jikkonfermaw iz-zona hdejn *Dock 6* hija awtorizzata sabiex fiha jingemgha u jinhazen dan liskart, b'dettalji pprovduti dwar il-procedura kif l-iskart jigi migbur u mmanigjat. Jindika li f'dan ir-rigward nhargu permessi kemm qabel kif ukoll wara l-access tal-Awtorita, u l-istess ERA kienet u ghadha tohrog permessi regolari ghal rimi tal-skart. Jigu wkoll provduti dettallji dwar il-procedura relattiva dwar l-esportazzjoni ta' dan it-tip ta' materjal, u l-htiega li jkun hemm *designated area* awtorizzata mill-istess MEPA bhala ma' hija z-zona Dock 6, filwaqt li jishaq li l-uzu tal-grit naqas ferm min meta l-Palumbo hadet il-gestjoni tat-Tarzna, ghalhekk jghaddu diversi xhur sakemm jingemgha ammont ta' grit biex jigi esportat. [Sottomissjoni datata 31 t'Ottubru 2017]

Illi fin-nota finali tal-Awtorita` tal-Ippjanar ssir referenza ghar-risposta inizjali, u b'referenza ghal ritratti mill-ajru tas-snin 2012 u 2013 tishaq li dawn juru bic-car li x-xogholijiet in kwistjoni inkluz il-bdil fl-uzu sar fl-imsemmi perjodu tal-2012-2013. Ghal darb'ohra tindika li l-appellanti kienu gew mitluba jirregolaw il-pozizzjoni taghhom permezz ta' *method statement* li jinkludi dettalji dwar kif l-illegalita kienet ser titnehha, izda dan qatt ma gie pprovdut. L-Awtorita' tipprovdi sommarju tal-eventwalitajiet dwar l-ispezzjoni li saret fl-2014, inkluz it-tehid u t-testijiet tal-kampjuni u r-rapport relattiv tal-Professur Alfred Vella, kif ukoll taghmel referenza ghaz-zewg affidavits tal-ufficjali, flimkien ma' sett ta' ritratti mehuda mill-istess ufficjali, u tosserva li dawn juru il-*'used grit'* li nstab mirdum taht ilkonkos. [Sottomissjoni datata 30 ta' Novembru 2017]

Illi gew sottomessi sensiela ta' affidavits mill-appellanti [Sottomissjoni datata 28 t'April 2017] liema affidavits jinkludu s-segwenti:
-Affidavit tal-Inginier Oliver Fenech fil-kariga ta' *General Manager* tal-kumpanija *PTMATIC Environmental Services Limited* fejn gie kkonfermat li huma jahdmu xogholijiet b'mod regolari ghall-kumpanija Palumbo, u huma nkarigati jigbru skart li jkun jehtieg jigi dispost u esportat barra min Malta. Ix-xhud ikkonferma li huma jesportaw il-*grit* uzat mit-tarzna talPalumbo wara li dan jingabar gewwa *skips*, b'referenza ssir ghal dokumenti li jirrigwardaw tali esportazzjoni. Jindika li huwa jiftakar b'korrispondenza regolari mal-MEPA fejn kien jikkoncerna il-Palumbo, fejn dawn kienu applikaw ghal *Environmental Permit* li ma' giex mahrug fi zmien meta esportaw xi materjal u l- ufficjali tal-MEPA kienu kkonfermaw li liskart ghall-esporazzjoni kien gie ggenerat mill- Palumbo, b'referenza ssir ghal dokumenti ohra

annessi. Ikkonferma wkoll li dan it-tip ta' skart jitnehha b'mod regolari, u li huma min dejjem hadmu ghall-Palumbo, u kienu jesportaw madwar 2,700 tunellata li huwa l-load li jiehu l-vapur. Jindika li hemm *designated area* hdejn *Dock 6* fejn dan l-iskart jingema u jinhazen, u jipprezenta sensiela ohra ta' dokumenti fir-rigward tat-tnehhija regolari ta' dan it-tip ta' materjal migbur mill-Palumbo, u l-approvazzjoni tal-MEPA.
-Affidavit ta' Mark Grech fl-irwol tieghu precedenti ta' *General Manager* mal-kumpanija Palumbo, fejn gie ndikat l-parti maghrufa bhala *Blasting and Painting Shed* kienet tintuza sabiex fiha jigu *sand blasted* u *sprayed* il-pjanci tal-hadid. Indika li qabel hadet it-tarzna lPalumbo din ma baqghetx tintuza u din kienet fi stat ta' abbandun, u meta fl-2010 ilPalumbo hadet it-tarzna, kienu bdew jahdmu sabiex titieb is-sigurta fit-tarzna, fejn fis-sena 2011 - 2012 gie deciz din iz-zona tigi sbarazzata sabiex jipparkjaw *yachts* u jinhazen apparat iehor, b'referenza ssir ghal ritratti inkluz f'dokumenti annessi li kienu ttiehdu sabiex jinghata rendikont lill-Dipartiment tal-Artijiet. Indika li qabel beda x-xoghol f'din iz-zona kien jinhtieg ftit hsieb u preparamenti, u li x-xogholijiet kienu jinkludu tnehhija tal-hadid u materjal, zarmar t'apparat antik, kif ukoll tnehhija ta' rails tal-hadid. Indika wkoll li l-erja kienet bl-art tal-konkos f'diversi partijiet, izda kien hemm dislivelli fl-art tal-konkos u anke debris li akkumula matul is-snin li jinkludi *grit* tal-*blast*, u li qabel ma' inghata l-konkos tnehha kwantita kbira tal-materjal *loose* li kien hemm. Indika li huwa kien presenti meta gew l-ufficjali tal-MEPA sabiex jiehdu l-kampjuni, u li huma kienu ndikaw lill-ufficjali li l-erja kienet tnadfet qabel inghata l-konkos. Jindika wkoll li dan it-tip ta' skart jingabar regolarment fid-designated area magenb Dock 6 sabiex dan jigi esportat barra min Malta, u fir-rigward tax-xogholijiet fiz-zona min fejn ittiehdu l-kampjuni indika li dan kien *joint effort* li kien jinvolvi diversi laqghat bejn numru ta' persuni. Spejga li huma ridu bazi soda sabiex jipparkjaw il-yachts u ma kienx jaghmel sens li l-*grit* ma jitnehhix, u l-fdalijiet li thallew matul is-snin kien ta' kwantita insinjifikattiva. Indika wkoll li l-ebda haddiem ma jnehhi sa linqas farka ta' trab pero sa fejn setghu naddfu kull grit li setgha kien hemm qabel ma inghatat il-konkos u li dan ix-xoghol sar skond is-sengha. Indika wkoll li r-rapport li saru kien fl-opinjoni tieghu sabiex jaghmlu hsara lill-kumpanija, pero huma ma waqfux jorganizzaw it-tarzna u b'mod regolari jigbru l-*grit* uzat sabiex jigi esportat barra min Malta.
-Affidavit ta' Michael Ellul, impjegat mal-kumpanija Palumbo, fejn gie ndikat z-zona li fiha kien isir is-*sand blasting* din kienet fi stat ta' abbandun qabel hadet it-tarzna l-Palumbo, u kien gie deciz fl-2011 li din iz-zona tigi sbarazzata sabiex jipparkjaw *yachts*. Indika li kienu lhaddiema tal-Petronav (sub-contractor tal-Palumbo) li ghamlu x-xogholijiet ta' tindif li kienu jinkludi zarmar rails tal-*crane* u hafna hadid imwahhal fil-konkos, kif ukoll li partijiet talkonkos tnehhew sabiex iz-zona giet invellata. Indika li ma tpogga l-ebda grit taht il-konkos, u li huma nehhew u naddfu kemm setaw it-trab iswed, u finalment jindika li z-zona issa tintuza ghas-*super yachts* u li huma jnaddfu din z-zona b'mod regolari.
-Affidavit ta' Dr Robert Cortis FEJN gie ndikat li huwa kien gie nkarigat mill-kumpanija Palumbo sabiex Jappunta kumpanija b'akkreditazzjoni internazzjonali sabiex tezamina kampjuni mehuda mill-ufficjali tal-MEPA. Indika li t-testijiet saru mill-kumpanija Ingliza blisem ta' *Scientific Analysis Laboratories Ltd.* u pprezenta l-esamijiet teknici mahruga ghallerbgha (4) kampjuni, flimkien ta' *leaching tests* relattivi u r-rapport tekniku tieghu.
-Affidavit ta' Simon Zammit, impjegat mal-kumpanija Palumbo li kien anke jahdem fit-tarzan qabel ma' din giet f'idejn il-Palumbo, FEJN gie ndikat li huwa kien prezenti waqt l-ispezzjoni tal-MEPA li saret fil-15 ta' Settembru 2014 li fiha sar skavar sabiex jittiehdu kampjuni. Indikat li meta beda l-iskavar gia kien hemm rappurtat fuq il-medja lokali li hemm blasting mirdum, u li wara li l-ufficjali kienu hadu xi kampjuni u ma sabu xejn hazin, ircevew telefonata u wara gie ufficjal bi pjanta u bdew jhaffru post iehor. Indika li saru hames toqob, b'kampjun gie mehud min kull toqba u bl-istess materjal gew pprovduti wkoll kampun lilhom li f'kontenituri separati. Indika li sussegwenti ghall-ispezzjoni kien gie appunta Dr Robert Cortis sabiex jaghmel l-esamijiet fuq il-kampjuni, u wara li dawn gew mibghuta laboratorju specjalizzat gewwa l-Ingilterra, huwa kien gie nfurmat min Joseph Calleja li l-kampjuni rrisultaw regolari. Indika wkoll li huwa ma kellux dubju li kollox kien regolari ghaliex huwa familjari ma' din iz-zona fejn kien isir il-blasting tal-pjanci u kien involut fix-xogholijiet ta' sbarazzar u jikkonferma

li ma' tpogga ebda grit sabiex jwitti d-dislivell li kien hemm. Jindika li l-kampjuni mehuda kienu l-bicca l-kbira konkos mfarrak, u li gia kien hemm pjattaforma tal-konkos fil-partijiet li huma mlew bil-konkos, b'referenza ssir ghar-ritratti annessi. Finalment jindika li x-xogholijiet saru sabiex iz-zona tibda tintuza ghas-*super yachts* u li parti min din iz-zona baqghet kif kienet qabel ma bdiet il-Palumbo, u josserva li l-grit fittarzna jitnehha b'mod regolari u jigj esportat barra min Malta.
-Affidavit ta' Joseph Calleja, *General Manager* tal-Palumbo li kien anke jahdem fit-tarzan qabel ma' din giet f'idejn il-Palumbo, fejn gie ndikat li meta l-Palumbo hadet f'idejha t-tarzna kienu gew obbligati kuntrattwalment sabiex it-tarzna tirriorganizza u ttejjeb il-facilitajiet tarznari, u l-iskop tar-ritratti mehuda matul iz-zmiem huwa sabiex jkunu nistghu juru l*upgrade* li qed isir, anke minhabba li l-obbligu li jinghata rendikont lid-Dipartiment talArtijiet. Spjega wkoll li kienet saret applikazzjoni ghal Environmental Permit bin-numru EP0006/11/A. Indika li l-parti maghrufa bhala *Blasting and Painting Shed* kienet tintuza sabiex fiha jigu *sand blasted* u *sprayed* il-pjanci tal-hadid, u li l-Palumbo qatt ma uzat din isshed ghal *sand blasting* jew *spray*. Ssir referenza ghar-ritratti annessi li juru l-istat kif kien qabel saru x-xogholijiet fi stat ta' abbandun totali u li jinkludu ritratti juru fdalijiet tal-*grit* qabel ma nghata l-konkos. Spjega li l-*upgrade* f'din iz-zona kien jinvolvi it-tnehhija tal-hadid u r-*rollers* ankrati fil-konkos sabiex isir livellar tal-art u jiddahlu *yachts* fuqha, li b'referenza ghar-ritratti jindika li dawn juru zewg *skips* mimlija materjal migbura mill-post li kien fih *debris* generali mnehhi mis-sit, li gie mpoggi fid-*designated area* magenb *Dock 6*. Jindika li s-sit gie mnaddaf kemm kien prattikament possibli, u li ma nholqot l-ebda pjattaforma ghaliex din dejjem kienet hemm, b'din giet nvellata sabiex jiddahlu *yachts* li jirrekjedu xogholijiet. Fir-rigward tal-ispezzjoni tal-MEPA indika li huma kooperaw min-naha taghhom, u li huma kienu talbu kampjuni sabiex ikunu jistaw isiru esamijiet minn esperti indipendenti. Jindika li l-istandards tal-MEPA jistipolaw li laboratorji li jintuzaw ghall-skop ta' analizi ikunu awtorizzati u akkreditati skond Standard ISO 17025, b'dan ma jezistix f'Malta, u l-analizi talkampjuni li saret mill-MEPA saret f'laboratorju mhux akkreditat u anke minghajr ma gew ippresentati risultati teknici. Min-naha taghhom huma kkummissjonaw analizi tal-kampjuni minn laboratorju akkreditat skont ir-rakkommandazzjoni ta' Dr Robert Cortis, li min-naha tieghu interpreta r-risultati u jhejji rapport tieghu li fih gie konkluz li l-erja koncernata hija teknikament konformi u hija kwalifikata bhala *non-hazardous*, u li bejn il-konkos li nghata u dak li kien esistenti bhalla bazi hemm biss ftit centimetri u li mhux korrett meta fl-affidavit tal-Awtorita gie ndikat li hemm centimetri bejn 17.5 sa 38 bhala *depth* ta' materjal griz. Ikompli jghid li x-xoghol fl-erja kien semplicement titnaddaf mill-istat ta' abbandun u li lezercizju mill-MEPA sar biss sabiex joholqu sensazzjoni u hsara lir-reputazzjoni tat-tarznari, filwaqt li josserva li wara l-ispezzjoni tal-2014 ma semaw xejn dwar ir-risultati mill-MEPA sakemm sentejn wara harget l-Avviz ta' Nfurzar, u dan wara li huma kienu tablu laqgha malghola ufficjali tal-MEPA sabiex l-istorja tigi kjarifikata. Jispjega li peress li huma dejjem kienu jafu li ma kien hemm ebda depositu, wara li gie mahrug Avviz ta' Nfurzar, huma pprezentaw l-appell odjern, u jkompli li huma qatt ma gew moghtija informazzjoni jew kopji ta' analizi jew risultati tal-esamijiet li saru min-naha tal-MEPA. Jikkonkludi li mill-evidenza li giet prodotta johrog car li l-allegazzjonijiet u r-ragunijiet tal-hrug tal- Avviz ta' Nfurzar huma nfondati u ghalhekk jitlob li dan l-Avviz jigi revokat mit-Tribunal.
-Affidavit redatt bil-lingwa Taljana ta' Vittorio Carratu, impjegat fit-tarzna ta' Palumbo, fejn gie ndikat li parti mit-tarzna giet zviluppata ghall-parkegg ta' super yachts u sabiex isir dan kien hemm bzonn li din il-parti titnaddaf u tigi konsolidata. Jikkonferma li huwa konxju li hija l-procedura bazika tal-Palumbo li jittiehdu ritratti tas-sit qabel jinbeda x-xoghol u wara li jsir ix-xoghol, dan sabiex jinghata rendikont lill-Gvern Malti minhabba l-obbligi kuntrattwali, u mill-arkivji ta' Palumbo instabu diversi ritratti tas-sit kif kien qabel li kien sit mhux uzat għal xi zmien, u li tnaddaf u gie rikonsolidat.

Illi giet moghtija xhieda minn ufficjali tal-Awtorita tal-Ippjanar u tal-ERA liema xhieda jinkludu s-segwenti:

-Xhieda moghtija mis-Sur Joseph Abela Medici tal-Awtorita tal-Ippjanar fejn gie ndikat li lazzjoni min-naha tal-*enforcement* bdiet fuq ordni tac-CEO wara li dan kien ircieva rapport, u b'referenza ghal ritratti li dehru fil-gazzetta jindika li dawn kienu juru *grit* qed jigi mferrex qabel ma saret il-pjattaforma. Jindika li dawn ir-ritratt mill-ajru tal-2012 u tas-sena 2013 huma mmarkati JM1. [Xhieda moghtija fl-14 ta' Marzu, 2017] Fil-kontro-ezami indika li qabel saret l-ispezzjoni qatt ma' kien mar fuq is-sit, u ghalhekk qatt ma ra xogholijiet isiru, u li r-ritratti mill-arju annessi mal-affidavit tieghu huma sentejn wara li ttiehdu l-kampjuni. Issir referenza ghal ritratti a fol 13 flaffidavit tieghu, bix-xhud jindika li *"Dawn huma r-ritratti 201 u 2013 tas-sit in kwistjoni. Hawnhekk kien jghaddi crane fuq rails. Qed naraw kif dawn ir-rails hawnhekk telqghu u sari l-konkos minfloku. Jigifieri ir-ritartti li qed nuri huwa minn din hawnhekk lura.".* Indika li lkampjuni tal-Palumbo gew mehuda fl-istess hin, izda gew mehuda mis-Sur Calleja u mhux minnhom, u jikkonferma li l-Professur Alfred Vella tal-Universita' ta' Malta li kien specifikament mitlub mill-MEPA jezamina jekk il-materjal huwiex grit uzat u dan ikkonferma li iva l-materjal huwa grit uzat. Indika li l-ewwel rapport kien dak datat 23 t'Ottubru 2014, u li kien hemm rapport minghand nies ohra izda r-rizultati ma kienux tajbin minhabba nuqqas li jaslu ghal certi kriterji li tesigi l-ligi. Spjega li rapporti ohra ntalbu ghax ridu jiccekkjaw jekk il-grit huwiex hazardous. Mistoqsi fir-rigward tal-kundizzjonijiet mahruga mill-MEPA li kull laboratorju li ntuza' irid ikun laboratorju akkreditat huwa wiegeb "*Ahna staqsejna biss u bbazajna l-enforcement jekk hux gritt. Mhuwiex ibbazat fuq ir-rapport ta' Vella. Li qed nikkonkludu li mhux inert imma gritt."* u li huma rrizultalhom li l-materjal m'huwiex inert mir-rapport tal-Profs. Vella, filwaqt li jindika li kieku kien materjal inert, ma kienx johrog *enforcement*. Mistoqsi fir-rigward tar-raguni ghaliex l-*enforcement* inhreg fl-2016 indika li kienu qed nistennew ir-rizultati minghand laboratorju iehor, u ndika li s-socjeta' Palumbo kienet giet mgharrfa dak inhar tal-ispezzjoni li l-grit misjub mhux suppost qieghed hemm. [Xhieda moghtija fis-6 ta' Lulju, 2017]

-Xhieda moghtija mis-Sur Johann Buttigieg, *Chief Executive Officer* (CEO) tal-Awtorita fejn gie spjegat li wara li gie ndikat li tpogga ammont ta' *grit* uzat taht l-art tal-*yard* tal-Palumbo, u meta agixxew instab li kien intuza materjal tal-*grit* fuq il-post. Esebixxa numru ta' dokumenti li jinkludu diversi ritratti u kopja tar-rapporti tal-Professur Alfred Vella li skont hu juri *high toxicity* tal-ispent grit, u fir-rigward tar-ritratti jindika li JB1 u JB2 juru s-sit qabel ma sar ix-xoghol tal-konkrit, JB3 juru li kienu qed jaghtu l-konkos bil-grit tahtu, u JB4 kienu areas ohrajn fejn kien hemm ammont sostanzjali ta' *grit* fuq il-post. Spjega li parti mill-investigazzjoniijiet kienu jirrigwarda kwistonijiet ohra ndikati fir-ritratti JB5 sa JB9, u li l-Awtorita limitat l-avviz fuq il-grit uzat taht il-konkos ghaliex jekk idum iktar minn sentejn, skont id-direttiva fuq *waste* meqjus bhala *landfill*. Fl-investigazzjoni rrizulta wkoll li lkumpanija Palumbo qatt ma kellu permess sabiex jigi esportat grit barra mill-pajjiz, u jindika li ghalhekk il-*grit* kollu li ntuza' taht il-konkos jew inkella spicca fil-bahar. Indika li l-azzjoni taghhom bdiet madwar tlett xhur wara li rcevew l-informazzjoni, u li s-sitwazzjoni attwali hija prattikament kif thalliet meta nhareg l-avviz, u ndika li l-evidenza pprezentata minnu kienet ta' investigazzjoni li saret tlett xhur qabel nhargu l-*enforcements*, u li l-informazzjoni ma gietx ghandhom b'mod anonimu. Indika li *"Mill-informazzjoni li ghandna ahna hija li dawk ix-xogholijiet saru sitt xhur wara li Palumbo hadet il-kontroll taghha fuq ix-Shipyard. Li nista' nghidlek ukoll illi jekk nikkumparaw l-aerial photography tat-2012, meta Palumbo kienet ghadha m'ghandix il-kontroll u tikkumpara l-aerial photography tal-lum, tara ddifferenza. Fit-2012 l-Awtorita' ghandha serje ta' aerial photos."* u li l-Awtorita hadet lazzjoni wara li gie kkonfermat x'instab fuq il-post. Indika wkoll li l-MEPA ghandha records fejn il-grit kien qabel l-2010 billi indika *"Kien jitpogga f'zewg siti. Wiehed qieghed 'il barra mit-Tarzna inti u niezel f'Wwied blandun u l-iehor fuq in-naha l-ohra fejn hemm il-petrol station."* u li mill-2010 il-grit kien *"qed jitpogga ezattament fit-tarf ta' fejn prattikament jispicca il-barkun. U ghandna ritratti ta' fejn kien qed jitpogga."* Fir-rigward talesportazzjoni ta' grit ikkonferma li PT Matic hija entita' rikonoxxuta li titqabbad minn diversi nies fl-industrija, u li din il-kumpanija kienet tintuza wara li ttiehdet l-azzjoni, u mistoqsi jekk kienx hemm evidenza li min meta hadet il-gestjoni l-Palumbo sarx xoghol li kienx jinvolvi *grit* spjega *"Bir-rispett kollu m'ghandux x'jaqsam. L-issue hija jekk hemmx spent grit jigifieri grit uzat taht il-konkrit, li dak jifforma parti ta' landfill. L-akkuza hija*

*fuq dik u xejn iktar. L-informazzjoni l-ohra hija biex ingib lill-Bord ta' kif wasalna ghallinvestigazzjonijiet.".* Ikkonferma li fil-hrug tal-avviz gew mehuda in kunsiderazzjoni ligijiet ta' Malta u ligijiet tal-Ewropa, izda ma kienx f'pozizzjoni jikkonferma jekk l-Awtorita kelliex fil-pusess *decommissioning report* meta giet moghtija *handover* lill-Palumbo. Indika li *"LAwtorita' titlob decommissioning report mhux meta jkun hemm handing over imma jew inkella jkun hemm bdil ta' management, l-Awtorita' titlob li jkun hemm decommissioning report meta s-sit jispicca l-uzu tieghu."* u kkonferma li huwa konsapevoli li l-Palumbo applikat ghall-*environmental permit*. [Xhieda moghtija fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2017]

-Xhieda moghtija mis-Sur Frank Scerri, ufficjal tal-Awtorita tal-Ippjanar, fejn gie ndikat li huwa qabel l-ispezzjoni fl-2014 ma kienx mar is-shipyard u li huwa m'huwiex konsapevoli li kien hemm *Decommissioning Report* tal-*Malta Drydocks*, u lanqas ma ccekja fuq dan. Jiftakar li dakinhar tal-ispezzjoni kien deher xi artiklu fuq il-gazzetta, u kkonferma li r-ritratt huwa ritratt aktar antik mill-gurnata li kien qeghdin fuq is-sit u ma kienx rah qabel, izda kien ra ritratti ohrajn li kienu qeghdin ghand ic-CEO tal-Awtorita *"li kienu qeghdin juru ssite fejn qed jinghata konkos, kien hemm xi konkos frisk kien hemm xi skips, jekk m'inhix sejjer zball kien juru sludge go fihom."* Indika wkoll li ma kienux konsapevoli li kien hemm rapport li kien inghata lil Mimcol sentejn qabel li kien fih ix-xoghol kollu li sar, izda li huma agixxew fuq ir-rapporti li saru bl-investigazzjonijiet taghhom li minnha rrizulta li kien hemm materjal iswed taht il-konkos. [Xhieda moghtija fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2017]

-Xhieda moghtija mis-Sur Anthony Aquilina tal-ERA fejn gie spjegat li huwa jevalwa *environmental permit* fosthom bhal tal-Malta Shipyards li jaghmlu *maintenance* tal-vapuri u xoghol ancillari, u li fl-ipprocessar min-naha tal-ERA huma jidderigu kif l-attivita' ta' *grit blasting* u l-iskart relattiv jigi mmaniggjat u dispost. Ikkonferma li huwa mar fuq is-sit talPalumbo diversi drabi, u filwaqt li ma kienx f'pozizzjoni jikkonferma jekk kienx spezzjona lerja in kwistjoni, indika li ma jiftakarx b'xi attivita' li kienet issir f'din il-parti tat-tarzna. Ikkonferma li dokumenti esebiti mal-affidavit tal-Inginier Oliver Fenech, u li l-post fejn jitpogga l-*grit* uzat huwa *designated area* hdejn Dock 6 kif anke mmarkat fl-applikazzjoni tal*enviromental permit*, izda josserva li dan mhux is-sit in kwistjoni. [Xhieda moghtija fis-6 ta' Lulju, 2017]

-Xhieda moghtija minn Nathalie Ellul tal-ERA fejn gie kkonfermat li hija marret fuq is-sit talPalumbo diversi drabi u li ma tiftakarx li kien qed isir xi xoghol f'din il-parti tat-tarzna, lanqas xoghol ta' *blasting*. [Xhieda moghtija fis-6 ta' Lulju, 2017]

Illi fil-mori tal-appell, giet moghtija x-xhieda mill-Professur Vella fejn gie kkonfermat li huwa kien ghamel ir-rapport li gie pprezentat mis-CEO tal-Awtorita, u pprovda spjegazzjoni filqasir ta' f''hiex jikkonsisti dan ir-rapport u l-konkluzjonijiet tieghu li minnhom irrizulta li lmaterjali ttestjat kien grit uzat. Ikkonferma li l-laboratorju uzat ma huwiex wiehed akkreditat u ta' spjegazzjoni ampja fir-rigward ta' xi tkun id-differenza bejn laboratorju akkreditat u laboratorju mhux akkreditat bhal dak fl-Universita' ta' Malta. Ipprovda wkoll spjegazzjoni dwar il-metodu li ntuza sabiex issir l-analizi li wassal ghar-rapport tieghu u kkonferma li huwa jaqbel li l-metodu XRF huwa sufficjenti sabiex issir '*mobility u composition analysis'* tal-materjal. Mistoqsi jekk il-kampjuni gewx ikkontaminati minn sorsi ohra fl-istess industrijali u ghal din il-mistoqsija kien irrisponda *"Il-fatt li qeghdin nitkellmu fuq ammont konsiderevoli, milli jiena nfurmat, u l-fatt illi all 8 samples li whud minnhom gew mill-livell ta' fuq, mill-livell tan-nofs u mill-livell t'isfel, li kien hemm f'dan l-akkumulu, tant kienet hemm akkumulu grossolan, li biex seta' gie impacted minn xi source ta' kontaminazzjoni, jien naf, bħal xi hadd bla grazzja waqqa tank li kien fih minn dawn ilmetalli, irid ikollu ammonti tant kbar li ma jagħmilx sens…"* u jishaq li l-konkluzjonijiet tieghu ma ghandhomx jigu ppregudikat ghaliex l-ammonti huma kbar wisq. Fi kliemu

*"Allura il-mistoqsija hija – dawn il-materjali huma simili ghall-kumplament tal-ambjent malti? And the answer is – no. Anke jekk hemm patch fl-ambjent malti li tista' tkun kazwalment ikkontaminata minn xi haga."* Indika li huwa ma jistax jivverifika jekk il-grit kienx ilu hemm numru ta' snin, u lanqas ma huwa possibli li jaghraf bejn grit uzat darba u grit li huwa prodott, u lanqas kemm il-darba intuza l-grit. Mistoqsi jekk jezistix *comparison* bejn spent grit tal-

prezent u dak antik indika *"Jista' jkun ghax tal-Palumbo Shipyard hija granuled u tax-Shipyard l-antika huwa trab fin. Ghax juzawh sakemm jispicca."*, u mistoqsi jekk mittestijiet li saru minnu jistax jiddetermina x'tip ta' EWC code jigi applikat ghal dan ilmaterjal, wiegeb fin-negattiv. [Xhieda moghtija fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2017]

Illi gew sottomessi zewg affidavits maghmula mill-ufficjali tal-ERA li jinkludu s-segwenti:
-Affidavit redatt minn Anthony Aquilina fejn gie ndikat li l-kumpanija Palumbo qatt ma nhargilha permess ambjentali mill-ERA ghall-immaniggjar tal-iskart, u jindika li l-attivita li fuqha nhareg l-ECF 369/16 tikkostitwixxi attivita ta' mmaniggjar ta' skart, u b'referenza ghal regolament 19 ta' L.S. 549.63 jindika li l-irdim ta' materjal tirrikjedi permess ambjentali. Jindika li ghalkemm giet sottomessa applikazzjoni EP 06/11 ghal permess ambjentali, f'din qatt ma ntalab permess sabiex l-irdim tal-iskart jigi kkunsidrat, u jkompli jindika li materjal mirdum ghal izjed minn sena huwa soggett ghall-provvedimenti ta' L.S. 549.29. Josserva wkoll li s-sit tal-EP 06/11 huwa differenti mis-sit odjern fejn instab il-*grit* uzat mirdum, u li l-kumpanija Palumbo ghamlet u nhargula diversi permessi sabiex jigi esportat grit uzat, b'dettallji ta' dawn jigu pprovduti. [Affidavit mahluf fil-31 ta' Lulju, 2017]
-Affidavit redatt minn Darren Cordina fejn gie ndikat li *landfilling* ta' *'spent grit'* fil-post talproduzzjoni jaqa' fl-ambitu tal-legisjazzjoni sussidjarja 549.29, u li jekk l-iskart jinhazen ghal aktar minn tlett snin qabel l-irkupru, jew ghal aktar minn sena qabel id-disponiment, is-sit huwa definit bhala *landfill* skond ir-regolament 2 ta' din il-legisjazzjoni, b'dan japplika kemm jekk l-iskart ikun perikoluz jew anke mhux perikoluz. Jindika li skont regolament 9 tallegisjazzjoni sussidjarja 549.29, l-operat ta' landfill ghandu jkun kopert b'permess, u li kwalunkwe skart li ghandu jigi mormi jehtieg li jigi ttestjat u li *'spent grit'* jista jkun perikoluz u fi kwalunkwe kaz, irid jintrema f'facilita awtorizzata. Jkompli jindika li ghalkemm li hemm fatilitajiet lokali ghall-*landfilling* ta' *'spent grit'* mhux perikoluz, *'spent grit'* perikoluz jista' jehtieg esportazzjoni minhabba nuqqas ta' facilitajiet lokali biex jitratta tali skart. [Affidavit mahluf fil-25 ta' Lulju, 2017]

Illi fin-nota finali tal-ERA jigi ndikat li bhala parti mill-investigazzjoni tal-Awtorita talIppjanar fuq is-sit ta' Palumbo, l-ERA kienet giet ikkonsultata, u mill-imsemmija investigazzjoni li kienet tinkludi tehid u analizzar ta' kampjuni, irrizulta li kien hemm *grit* mirdum taht il-pjattaforma tal-konkos, b'hekk iz-zewg awtoritajiet iddecidew illi johorgu lECF 369/16. Issir referenza ghall-affidavits tal-ufficjali taghha li fihom gie spjegat kif is-sit in kwistjoni jikkwalifika bhala *landfill* u kif l-appellanti m'humiex koperti b'permess ambjentali ghal *landfill* jew hazna ta' skart fit-tul u filwaqt li gie kkonfermat li saru diversi talbiet u eventwalment inhargu permessi separati biex jigi esportat *grit* uzat, il-hazna ta' skart ghal aktar min sena xorta wahda tirrikjedi permess ambjentali li l-appellanti qatt ma applikaw ghalieh. Taghmel referenza ghax-xhieda tal-Professur Alfred Vella u fil-konfront talargumentazzjoni tal-appellanti tosserva li l-Avviz ta' Twaqqif jirrigwarda biss bdil tal-uzu talart u depozitu ta' skart u ma tirrikjedix laboratorju akkreditat biex tigi ppruvata. Tosserva li l-appellanti mkien ma qed jigu akkuzati li sar rdim ta' skart perikoluz, u li l-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jekk giex mirdum skart, filwaqt li tirrileva li l-ligi sussidjarja 549.29 ma tiddistingwix bejn l-ammont ta' materjal. Tosserva wkoll li l-prova tal-appellanti dwar lesportazzjoni ta' materjal ta' *grit* utat hija korroborrata bix-xhieda moghtija min ufficjali taghha, madankollu dan ma jfissirx li materjal iehor ta' *grit* ma giex mirdum. Tindika wkoll kif indikat fix-xhieda tal-ufficjal taghha, l-post fein qed jigi ndikat li ghal hazna tal-grit uzat fl-applikazzjoni ghal permess ambjentali EP 06/11 huwa differenti minn fein jinstab il-grit mirdum. Finalment tishaq li l-ECF 369/16 ghandu *vires* fuq il-ligijiet sussidjarji 549.29 u 549.63 peress li mahrug skont l-Artikolu 76 tal-Kapitolu 549. [Sottomissjoni datata 15 ta' Dicembru 2017]

Illi fir-replika finali tal-Awtorita tal-Ippjanar jigi osservat li filwaqt li huwa stat ta' fatt li l-*grit* ilu prezenti ghal 50 sena, huwa wkoll stat ta' fatt li meta l-appellanti hadu r-responsabbilita' tal-operat tat-Tarzna fl-2010, u filwaqt li huma ndikaw li l-genb tal-*Smithery Block* giet sbarazzata, ir-rizultanzi li hargu mill-investigazzjoni jindikaw il-kuntrarju, tant li rrizulta li

hemm bdil fl-uzu tal-sit tant li kienet qed tintuza bhala '*landfill*' permanenti, u b'hekk inhareg l-Avviz odjern. Terga` tosserva li l-appellanti gew mitluba jirregolaw il-pozizzjoni taghhom permezz ta' *method statement* sabiex l-appellanti jkunu konformi mal-ligijiet, u tishaq li l-Avviz odjern ghandu jigi kkonfermat. [Sottomissjoni datata 12 ta' Marzu 2018]

Illi fir-replika finali tal-ERA jigi ndikat li Palumbo Malta Shipyards m'hijiex awtorizzata biex tordom kwalunkwe skart, u li kwalunkwe rdim ta' skart jirrikkjedi permess ambjentali. Tindika li s-sit odjern gie mirdum fih skart minghajr awtorizzazjoni ambjentali mill-ERA, u wara analizi li ghamel il-Professur Alfred Vella irrizulta illi l-materjat mirdum huwa konsistenti minn skart li jinkludi skart mill-*grit blasting*. Terga` tindika li l-permessi ambjentali ghal esportazzjoni ta' skart tal-*grit* m'ghandhom xejn x'taqsmu mal-grit mirdum soggett ghal-ECF369/16 u tishaq li l-Avviz odjern ghandu jigi kkonfermat. [Sottomissjoni datata 2 ta' April 2018]

Illi fil-mori tal-appell saru zewg accessi fuq is-sit in kwistjoni, fejn liema accessi saru mitTribunal kif diversament kompost [Skont verbal tas-16 ta' Jannar, 2020] u minn dan it-Tribunal kif prezentament kompost, fejn itTribunal prezenti gie muri min-naha tal-appellanti l-estent kollu tas-sit u anke z-zoni milquta u kolpiti bl-Avviz. [Skont il-verbal tal-14 ta' Frar, 2022]

Illi sussegwenti ghall-access gew sottomessi mill-appellanti sett ta' ritratti. [Sottomissjoni datata 23 ta' Mejju 2022]

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-imsemmi Avviz, tal-provi mressqa u tass-ottomissjonijiet maghmula mill-Partijiet kollha;

Ikkunsidra:
Illi b'mod preliminari, dan it-Tribunal jirrimarka illi l-appell odjern instema' u qed jigi deciz flimkien mal-appelli numri 190/16, 202/16 u 203/16.

L-Ewwel Aggravju
Illi f'dan l-aggravju qed jigi argumentat li ma kienx hemm bzonn ta' ebda permess ghaxxogholijiet li saru minnhom ghaliex dak li sar huwa restawr ta' pjattaforma gja ezistenti fejn il-livelli ma nbidlux. L-appellant jaghmel referenza ghal decizjoni tat-Tribunal moghtija flappell numru 171/09, u jindikaw li fil-kaz odjern ma sar ebda 'zvilupp' *ai termini* tal-Artikolu 70 tal-Kapitolu 552.

It-Tribunal jibda billi josserva li l-Avviz ta' Nfurzar in kwistjoni b'referenza ECF 369/16 gie mahrug fis-7 ta' Lulju 2016, u jaqra s-segwenti:
*"Ghandek żvilupp minghajr permess (rikjest mill-Artikolu 70 tal-Att dwar l-Ippjanar talIzvilupp) li jikkonsisti minn bdil tal-uzu tal-art ghal-"landfill" permanenti, kif ukoll ghandek attività minghajr licenzja (rikjesta mill-Artikolu 58 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent) li tikkonsisti minn depozitu, ghall-aktar minn sena, ta' materjal ta' skart u materjal iehor mhux inert f'sit mhux awtorizzat u mirdum taht pjattaforma ta' konkos bi ksur fost l-ohrajn tarregolamenti tal-Avviż Legali 168/02 u tar-regolamenti tal-Avviz Legali 184/11, peress illi, bhala detentur ta' dan l-iskart, ma hadt l-ebda azzjoni sabiex dan l-iskart jigi trasportat ghall-irkupru, trattament jew disponiment iehor skont il-ligi."*

Illi mill-qari ta' dan l-avviz kif mahrug mill-Awtorita jirrizulta li l-illegalita in kwistjoni giet maqsuma f'zewg partijiet, bl-ewwel parti tindika ksur tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 552) u t-tieni parti tindika ksur ta' zewg avvizi legali li jaqaw taht l-Att dwar ilProtezzjoni tal-Ambjent (Kapitolu 549). Pero ma jirrizultax li fl-avviz gie ndikat li lpjattaforma li saret ricentament hija bi ksur tal-Artikolu 70 tal-Kapitolu 552, dan ghaliex ilpjattaforma hija biss imsemmija fit-tieni parti tal-avviz li tirrigwarda ligijiet ambjentali.

Illi l-argument imressaq mill-appellant huwa li x-xoghol li sar huwa dak ta' restawr ta' pjattaforma gja ezistenti, u ghaldaqstant huma xogholijiet li ma jammontawx ghal zvilupp hekk kif definit fl-Artikolu 70(2) tal-Kapitolu 552. Dan l-Artiklu jipprovdi s- segwenti:
*"Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, u, sakemm ir-rabta tal-kliemma teħtieġx xort'oħra, għallgħanijiet l-oħra kollha ta' dan l-Att,"żvilupp" tfisser l-għemil ta' xogħol ta' bini, inġinerija, xogħol ta'barrieri, tħaffir u xogħol ieħor għall-kostruzzjoni, demolizzjoni jew tibdil fl-art jew fil-baħar, jew fuqhom, jew 'il fuq minnhom jew taħthom, it-tqegħid ta' reklami jew kull bidla sostanzjali fl-użu tal-art jew bini u baħar, minbarra:*
(a) xogħol ta' manutenzjoni li jolqot biss il-parti interna tal-bini jew li ma jolqotx materjalment iddehra ta' barra tal-bini:
*Iżda dawn ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni m'għandhomx ikunu kontra xi ordni magħmul taħt dan l-Att fir-rigward tal-bini;*
*Iżda wkoll ix-xogħol ta' manutenzjoni m'għandux jinkludi twaqqigħ u xogħol ta' bini mill-ġdid, irrispettivament mill-inhawi fejn dan it-twaqqigħ u xogħol ta' bini mill-ġdid isiru;*
*(b) Il-użu tal-art għall-agrikoltura, trobbija ta' annimali u masġar (inkluż l-afforestament) ħlief meta dak l-użu jkun jikkonsisti:*
(i) f'erezzjoni ta' bini jew jilħaq it-trobbija intensivata' frott tal-art jew annimali; jew
*(ii) fir-riklamazzjoni tal-art għall-agrikoltura permezztad-depożitu ta' materjal fuq tali artsakemm talireklamazzjoni tal-art għall-agrikoltura tista' tiġippruvata li kienet teżisti qabel l-1994;"*

Illi fil-kaz odjern il-ksur tal-Artikolu 70 indikat fl-Avviz ta' Nfurzar huwa rigwardanti l-bdil fluzu tal-art ghal *"landfill"* permanenti u konsegwentament jirrizulta li x-xogholijiet imsemmija fl-Avviz ma jaqawx taht dak li hemm ravvizat fl-imsemmi Artikolu 70. Il-kwistjoni tal-bdil tal-uzu tal-art minhabba l-materjal li nstab taht il-pjattaforma tal-konkos ser tigi kkunsidrata fit-tieni aggravju, pero f'dan l-istadju jigi osservat biss li ghalkemm l-appellant jindika li ma kienx hemm zieda fil-livelli u li x-xogholijiet kien limitati ghal restawr ta' pjattaforma gia ezistenti, mill-investigazzjonijiet li saru mill-Awtorita qabel gie mahrug lAvviz ta' Nfurzar jirrizulta li taht il-materjal misjub instab ukoll livell ta' konkos, u dan jimplika li l-pjattaforma originali tal-konkos tinsab taht il-materjal tal-grit uzat li eventwalment gie mirdum taht saff tal-konkos, u dan jindika li x-xogholijiet imwettqa ma kienx jikkonsisti f'restawr tal-pjattaforma originali.
It-Tribunal finalment josserva li ghalkemm l-appellant jaghmel referenza ghal decizjoni moghtija mit-Tribunal diversament kompost fl-appell numru 171/09, l-imsemmi kaz m'huwiex ta' relevanza ghal mertu tal-kaz odjern ghaliex l-imsemmija decizjoni hija msejsa fuq il-Kapitoli 356 u 504 tal-Ligijiet ta' Malta, u aktar minn hekk, fl-imsemmi kaz kif gie kkunsidrat li dak li kien sar kien effettivament xoghol ta' tiswija ta' dak gia ezistenti, filwaqt li fil-kaz odjern l-Avviz ta' Nfurzar jindika bdil fl-uzu tas-sit li ser jigi kkunsidrat fl-aggravju segwenti.
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad dan l-aggravju.

It-Tieni Aggravju
Illi dan l-aggravju jirrigwarda l-bdil ta' uzu ghal *landfill* indikat fl-Avviz ta' Nfurzar, blappellant jargumenta li s-sit jikkonsisti in parti triq u parti pjattaforma tal-konkos mizmuma fi stat impekkabli u li l-iskart kollu ggenerat fis-sit huwa mmanigjat *in linea* ma' dak stabbilit fil-*Waste Management Plan* approvat minn *Transport Malta*.
It-Tribunal jibda billi josserva li l-Avviz ta' Nfurzar in kwistjoni ma jirreferix ghall-attivita li qed issehh fuq il-pjattaforma tal-konkos, ghaliex dan jirreferi ghal dak il-materjal li gie mishub taht l-imsemmija pjattaforma. Illi l-provi migjuba mill-Awtorita f'dan ir-rigward b'mod ewlieni jinkludu zewg affidavits ta' ufficjali tal-Awtorita li kienu nvoluti fil-process talhrug tal-avviz in kwistjoni, f'liema affidavits issir ukoll referenza ghal diversi dokumenti li jinkludu ritratti mill-ajru ta' diversi snin, ritratt tas-sit meta saret l-ispezzjoni mill-ufficjali tal-MEPA inkluz ritratti tal-kaxxi maqtugha fil-konkos, pjanta skematika li turi l-pozizzjoni tal-kaxxi maqtugha u l-informazzjoni relattiva dwar il-materjal misjub, li tindika s-segwenti:
●Mill-kaxxa 1 - Kampjun mehud circa 17.5cms mill-*finished floor level*, u taht dan kien hemm saff iehor tal-konkos;

●Mill-kaxxa 2 - Kampjun mehud circa 17.5cms mill-*finished floor level*, u taht dan kien hemm saff iehor tal-konkos;
●Mill-kaxxa 3 - Kampjuni mehuda circa 24.5cms, 31cms u 38cms mill-*finished floor level*, u taht il-livell ta' dan tal-ahhar kien hemm saff iehor tal-konkos;
●Mill-kaxxa 4 - Kampjuni mehuda circa 23cms, u 28cms mill-*finished floor level*;

Illi fl-affidavits tal-ufficjali tal-Awtorita hemm indikat ukoll li l-wicc tal-pjattaforma talkonkos, ossia l-hekk imsejjah *finished floor level*, huwa bi hxuna ta' 6cms, u dan ifisser li lmaterjal misjub taht il-pjattaforma tal-konkos kien gholi circa 11.5 fil-kaxxi 1 u 2, 32cms filkaxxa 3, u 22cms fil-kaxxa 4. It-Tribunal josserva li fl-affidavit tal-Joseph Calleja hemm kontestazzjoni dwar il-fond tal-materjal indikat fl-affidavit tal-ufficjal tal-MEPA, madankollu jirrizulta li huwa fatt inkontestat li taht il-pjattaform tal-konkos instab l-imsemmi materjal, u ma giet sottomessa l-ebda prova min-naha tal-appellant li jikkontradixxu dawn il-livelli kif ndikati mill-ufficjali tal-MEPA.

Illi l-provi tal-Awtorita jinkludu wkoll diversi dokumenti li gew pprezentati waqt ix-xhieda moghtija mis-CEO tal-Awtorita tal-Ippjanar, li fiha spjega is-segwenti:
*"Ha nghaddi ftit ritratti li kellna bhala informazzjoni attwalment ta' meta kienu qed isiru xogholijiet li juru l-grit u x-xibka tal-concrete qabel. Qed nindika s-sit qabel ma sar ix-xoghol tal-konkrit u qed nesebixxi ritratti JB1 u JB2.*
*Hawnhekk hawn ritratti ohrajn li qed jindikaw li kienu qed jaghtu l-konkos bil-grit tahtu – ritratt JB3.*
*U dawn kienu areas ohrajn fejn kien hemm ammont sostanzjali ta' gritt fuq il-post –ritratt JB4.*
*Parti mill-investigazzjonijiet kienu ukoll jikkoncentraw fuq ammont ta' materjal li jigi ukoll mill-istess latch tal-vapuri. Qed nindika dawn ir-ritratti mmarkati JB5 u JB6 u ukoll gutter li kien jaghti ghal gol-bahar fejn kien jigi prattikament imlahlah l-operazzjonijiet wara li kienu jaghmlu il-gritt, mmarkat bhala JB7, li fih kien kollu kien imur ghal gol-bahar, dak kollu li kien jitlahlah, kien jibqa' sejjer kollu ghal gol-port – ritratt immarkat bhala JB8.*
*Qed ukoll nindika pipe work li kien sar li fih kien jigi indikat li kien jigi mqabbad mal-vapuri, biex is-sewage tal-vapuri kien jigi wkoll iddepositat fil-bahar – ritratt immarkat bhal JB9.*
*Dawn kollu originaw bhala parti mill-investigazzjonijiet.*
*Ovvjament ahna illimitajna l-avviz taghna fuq il-gritt li sar taht il-konkons ghaliex spent grit allura huwa waste, huwa mitfuh taht dik is-site, jekk idum iktar minn sentejn, skont iddirettiva fuq waste, dak huwa meqjus bhala a landfill."* [Xhieda moghtija fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2017]

It-Tribunal jirreferi wkoll ghad-dokumenti prezentati mis-CEO waqt id-depozizzjoni tieghu, fejn seta` josserva li materjal iswed taht ix-xibka li giet impoggija qabel inghata l-konkos, [Skont dokumenti JB1 u JB2 esebiti fix-xhieda tas-27 ta' Lulju, 2017] b'dan jikkorrobora dak li gie misjub fil-kaxxa maqtugha u l-kampjuni mehuda minnhom li mit-testijiet maghmula gie kkonfermat li dan jikkonsisti fi *grit* uzat. Dan gie kkonfermat b'mod ferm car fix-xhieda moghtija mill-Professur Vella li kkonferma s-segwenti:
"Mistoqsija :
Semmejt il-konkluzjonijiet, kemm niccara jekk minn dawn ir-rizultanzi, kienx used grit jew inkella grit mhux utilizzat ?
Risposta :
Kien used grit anke mid-daqs u minn kompozizzjoni tieghu jigifieri iz-zewg parametri." [Xhieda moghtija fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2017]

It-Tribunal josserva li l-appellant iqajjem thassib fuq il-konkluzjonijiet tal-Professur Vella minhabba nuqqas t'akkreditazzjoni tal-laboratorju tal-Universita ta' Malta, pero tali kwistjoni ser tigi kkunsidrata fit-tielet aggravju segwenti.

Illi minkejja li mill-provi mressqa mill-Awtorita huwa evidenti li taht il-pjattaforma tal-konkos gie misjub *grit* uzat b'gholi li jvarja, permezz ta' numru konsiderevoli ta' affidavits min impjegati tal-Palumbo, l-appellant jishaq li x-xoghol li gie mwettaq fuq is-sit odjern kien semplicement tindif tas-sit li kien fi stat ta' abbandun, u li ma sar l-ebda depositu ta' materjal, ghaldaqstant huwa pertinenti li jigi mistharreg jekk kienx hemm verament bdil fluzu tas-sit hekk kif deskritt fl-Avviz ta' Nfurzar.
It-Tribunal josserva li m'huwiex ikkontestat mill-Awtorita li s-sit in kwistjoni jifforma parti mit-Tarzna u kien jintuza ghal *grit blasting*, pero dan ma jfissirx li l-grit uzat f'dan il-process seta jigi akkumulat fuq is-sit ghal tul ta' zmien minghajr ma jsir tindif tas-sit, jew sahansitra kif sar fil-kaz odjern li l-materjal jigi livellat u ssigillat b'saff tal-konkos.
It-Tribunal jippuntwalizza li l-kwistjoni mqajjma mill-appellant ta' kemm ghandu zmien ilmaterjal tal-*grit* uzat hija mmaterjali ghal mertu tal-kaz ghaliex ma' ngabet l-ebda prova li luzu legalment stabbilit fuq is-sit jinkludi *landfilling* b'materjal tal-*grit* uzat. Kif gie ndikat firreplika finali tal-Awtorita tal-Ippjanar filwaqt li huwa rikonuxxut li l-*grit* ilu prezenti ghal ghexieren ta' snin, il-kumpanija Palumbo hadet f'ideja r-responsabbilita' tal-operat tatTarzna fl-2010, u fil-fatt huwa l-appellant stess li jidika l-bzonn u l-obbligu kuntrattwali li dan is-sit li jifforma part mit-Tarzna, jigi mnaddaf. Jirrizulta li l-kumpanija Palumbo kienu ben konxji ta' tali obbligi ghaliex mill-affidavit ta' Anthony Aquilina tal-ERA jirrizulta li qabel saru l-ispezzjonijiet tal-MEPA fl-2014 kienet saret u giet approvata l-applikazzjoni MT13/000028 sabiex grit uzat jigi esportat lejn facilita tal-immaniggjar tal-iskart barra minn Malta, bil-permess kien gie mahrug fil-21 ta' Marzu tal-2013. Ghaldaqstant jirrizulta li lkumpanija Palumbo kienet ben konxja tal-obbligu li dan it-tip ta' materjal jigi esportat, izda ghal ragunijiet mhux maghrufa xorta wahda ghazlu li jordmu ammont ta' dan il-materjal taht il-pjattaforma gdida tal-konkos.
Illi kif indikat aktar kmieni, mill-provi migjuba jirrizulta b'mod car li l-materjali misjub taht ilpjattaforma tal-konkos jikkonsisti f'materjal ta' *grit* uzat, u filwaqt li mit-testijiet maghmula ma jistax jigi konkluz kemm ghandu zmien dan il-materjal, tali kwistjoni hija mmaterjali ghal mertu tal-kaz stante li gialadarba l-kumpanija Palumbo hadet ir-responsabbilita' tal-operat tat-Tarzna fl-2010, u dawn ma gabu l-ebda prova li l-uzu legalment stabbilit jinkludi l-hazna permanenti ta' dan it-tip ta' materjal. Jigi ppuntwalizzat li filwaqt li l-appellant qed jindika li s-sit gie mnaddaf minn dan il-materjal ghal dak li huwa prattikament possibli, fil-fehma tatTribunal dan ma jirrizultax li huwa l-kaz ghaliex l-ammont ta' materjal misjub fil-kaxxi mqatta li l-gholi tieghu ivarja bejn 11.5cms ghal 32cms li huwa prova kuntrarja ta' dak li jargumenta l-appellant. Kif gie ndikat fir-risposti tal-ERA, il-ligi sussidjarja 549.29 (Avviz Legali 268 tal-2002 kif emendat) ma taghmilx distinzjoni bejn l-ammont ta' materjal, u fil-kaz odjern l-ammont ta' materjal m'huwiex insinjifikanti ghaliex meta kkalkulat bl-inqas livell gholi ta' 11.5cms dan xorta wahda jammonta ghal 460 metri kubi. [Kalkolu maghmul fuq l-impront tas-sit kolpit b-Avviz ta' Nfurzar ECF369/16 li jammonta ghal circa 4000 metri kwadri]
It-Tribunal josserva wkoll li ghalkemm l-appellant jindikaw li l-immaniggjar tas-sit huwa konformi ma' dak stabbilit fil-*Waste Management Plan* approvat minn *Transport Malta*, ma gietx provduta l-ebda kopja ta' dan id-dokument, u fi kwalunkwe kaz hekk kif gie rilevat aktar kmieni, il-kwistjoni pertinenti fil-kaz odjern m'hijiex l-attivita li qed issehh fuq il-pjattaforma tal-konkos li gie moghttija ricentament, izda l-materjali li hemm depozitat taht din ilpjattaforma. Barra min hekk, pjan ta' mmaniggjar tas-sit ma jezentax l-obbligu li jigu ottenuti l-permessi necessarji li fil-kaz odjern jinkludi kemm permess tal-izvilupp kif ukoll permess ambjentali.
Illi finalment jigi osservat li l-Avviz Legali 268 tal-2002 li ghalieh issir referenza fir-rikors tal-appell m'huwiex relevanti ghall-mertu tal-kaz odjern ghaliex dan ma jirrigwardax kwistjonijiet ta' ppjanar jew ambjent, filwaqt li l-Avviz Legali 168 tal-2002 qed jigi kkunsidrat ulterjorment fir-raba` aggravju.
Ghal dawn il-motivi, gialadarba ma jirrizultax li s-sit odjern qatt kellu xi permess sabiex materjal tal*grit* uzat jigi mahzun fuq is-sit b'mod permanenti, u gialadarba tali hazna tirrizulta fi bdil fluzu tas-sit li tirrikjedi permess ta' zvilupp, it-Tribunal qed jichad dan it-tieni aggravju.

It-Tielet Aggravju

Illi minbarra l-bdil fl-uzu tas-sit ghal *landfill* minghajr permess, l-Avviz ta' Nfurzar in kwistjoni jindika wkoll li hemm attivita minghajr licenzja kif rikjesta fl-Artikolu 58 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent minhabba depozitu ta' materjal ta' skart/ materjal mhux inert, u dan kollu ghal perjodu ta' aktar minn sena.
Illi f'dan it-tliet aggravju huwa argumentat li l-allegazzjoni ta' rdim ta' skart u materjal iehor mhux inert hija nfondata, bl-appellant jibbaza l-argumentazzjoni tieghu fuq in-nuqqas t'akkreditazzjoni tal-laboratorju tal-Universita ta' Malta li fih saru t-testijiet mill-Professur Alfred Vella, u l-akkreditazzjoni tal-laboratorju wzat minnhom sabiex saru t-testijiet talmaterjal misjub.

It-Tribunal josserva li l-appellant jqajjem thassib fuq il-konkluzjonijiet tal-Professur Vella minhabba nuqqas t'akkreditazzjoni tal-laboratorju tal-Universita ta' Malta, u f'dan ir-rigward fix-xhieda tal-istess Professur Vella gie ndikat is-segwenti:
*"Mistoqsija :*
*Xtaqt nistaqsik dwar il-laboratorju li ghamiltu din l-analizi. Liema laboratorju u jekk l-istess laboratorju kienx akkreditat ?*
*Risposta :*
*L-analizi saru fil-laboratorju taghna fl-Universita'. Fid-dipartiment tal-metallurġija u materials science. Dan il-laboratorju bhal laboratorji l-ohrajn kollha tal-Universita' m'huwiex akkreditati ghax hija process li xoghlha huwa li tassigura precizjoni u attenzjoni ta' kif taghmel ix-xoghol.*
*Historically l-akkreditazzjoni u l-htiega taghha ma originatx fl-Universitajiet. Originat fllokazzjoni ta' manifattura, hafna drabi li jissaportjaw il-manifattura.*
*Huwa minnu ukoll li probabbilment fil-futur ikun hemm il-pressjoni biex certu laboratorju jekk mhux kollha, jigu akkreditati.*
*The short answer huwa – le, ebda laboratorju fl-Universita ta' Malta m'huwa akkreditat u dan anke f'hafna universitajiet mondjali ma huma akkreditati.*
*Kontro-ezami tal-Avukat Matthew Brincat*
*Mistqosija :*
*Biex inkompli ma' din tal-accreditation, inti ghadek kemm ikkonfermajt illi tali laboratorju li ntuza' mhux akkreditat, inti konsapevoli mill-fatt illi tezisti l-iStandards Authority u hemm lISO 1702/2005 li hija fil-fatt l-accreditation necessarja u dawn l-istandards m'ghandux dan il-laboratorju?*
*Risposta :*
*La dan u l-ebda laboratorju fl-Universita'.*
*Mistoqsija :*
*Tista' tghidilna liema metodu intuza' biex issir din l-analizi li wassal ghar-rapport tieghek?*
*Risposta :*
*Fir-rapport imsemmi l-metodu f'pagna 3 – XRF maghmul mid-ditta Drucker ukoll li jissejjah standardless protocol.*
*Mistoqsija :*
*Il-Council Directive 2003/33EC li propju hija d-Direttiva li tistipula dawn it-testijiet, konsapevoli minnha ?*
*Risposta :*
*Jekk taqra' r-rapport ma ssibx referenza ghal din id-Direttiva ghax jiena ntlabt li nezamina dawn il-materjali li minn punto di vista ambjentali jiena hassejt li kelli … nirrikonoxxi li kien hemm protokolli biex tasal ghal konkluzjonijiet tieghek. Jiena uzajt forsi protokoll li jsegwi ilprecautionary principle li dejjem jghidlek, li jekk inti ghandek il-bazi li jiena wasalt ghal konkluzjoni li ghandek dan il-materjal, ma tistax tqiesu bhala wiehed inerta li m'ghandux potenzjal ghal hsara kienet id-definizzjoni li ma tirrizultax minn din id-direttiva imma jekk hemm materjali 'that has potential to cause significant harm on relevant receptor ……. waters potential', dak ghandu jitqies bhal environmental hazard. Issa l-prezenza taz-zingu, tar-ramm, tal-chromium, tac-comb u tan-nickel meta huma fl-ammonti superjorissimi ghal dak li wiehed isib fil-background.*
*Mistoqsija :*

*L-ischedule 3 li hija referenza ghal dik id-directive, tikkonferma li hija specifikament irriferuta din id-direttiva 'spent grit'? u din id-direttiva li hija mnizzla fl-environmental permit biex tispecifika l-EWC code tal-waste.*
*Mistoqsija tat-Tribunal :*
*Meta ghamilt dan ir-rapport x'kienu il-parametri illi kellek tuza' ?*
*Risposta :*
*Il-kummissjoni kienet 'to analyse a solid material suspected to be spent grit blasting medium'. Kien hemm numru kbir ta' kampjuni. Dan huwa l-atomic absorption spectronomy li huwa metodu iehor, li stajt uzajt dan pero ma uzajtx lilu imma l-metodu XRF ghaliex huwa metodu li huwa l-ewwelnett iktar universali. Dan meta qed taghmel analizi bil-metodu AAS, jekk inti ghandek suspett li hemm iz-zingu, tfittex ghaz-zingu u zingu biss ikollok bhala rizultat u l-istess ghal materjali l-ohrajn.*
*Jien li ma kontx naf x'inhu fil-bidu ghax ghalkemm kien jidher, x'aktarx seta' kien spent grit imma uzajt metodu li huwa kwazi universali ghax XRF jghidlek mill-ewwel x'ghandek.*
*Il-laboratorju fejn ghamel l-AAS mhux lanqas akkreditat allura on that basis … Mistoqsija :*
*Allura qed nifhem sew, jekk kellu ikun ai terminu ta' dan il-metodu, it-test ma setax isir ?*
*Risposta :*
*Fil-laboratorju tal-Univerista ma hemmx akkreditazzjoni ghall-ebda …*
*Mistoqsija :*
*U ghalhekk ma setax isir ?*
*Risposta :*
*Le ghax l-istrument …. Ma jfissirx li jekk m'intix akkreditat ma jistax isir dan ix-xoghol ghax kieku irrid naqbad u ma nippubblikaw xejn fl-universita…Nerga' nghid l-akkreditazzjoni hija invenzjoni tad-dinja tal-manifattura peress illi d-dinja tal-manifattura trid tahdem bl-inqas skills li tista issib fis-suq jew li thallas ghalihom cheap. Allura trid tassigura illi n-nies jahdmu qishom automatons, ticcekjalhom kulma jaghmlu, trid tagħtihom formoli x'jimlew, minn fejn qed jixtru dak il-materjal, kif u meta qed jikkalibraw ghax inkella lanqas tkun ċert li qed jikkalibraw."* [Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru, 2017]

Illi mis-suespost jirrizulta li huwa nkontestat li l-laboratorju uzat ghat-testijiet tal-kampjuni, ossia laboratorju tal-Universita ta' Malta, m'huwiex wiehed akkreditat, pero dan il-fattur wahdu ma jiskreditax il-konkluzjonijiet tal-Professur Vella, anke ghaliex fix-xhieda tieghu provda spegazzjoni dettaljtat tal-metodi wzati sabiex wasal ghal tali konkluzjonijiet, metodu li ma giex ikkontestat. Ghaldaqstant jirrizulta li n-nuqqas t'akkreditazzjoni tal-laboratorju tal-Universita ta' Malta m'huwiex influwenti fuq ir-rizultati tieghu dwar il-kampjuni mehuda.
It-Tribunal josserva wkoll li l-appellant jattenta jiskredita l-konkluzjonijiet tal-Professur Vella billi jaghmlu referenza ghall-istudju kkummissjonat minnhom li kopja tieghu giet pprezentata fil-mori tal-appell u mmarkata RG1, bl-appellant jindika b'mod specifiku li listudju kkumissjonat mill-kumpanija Palumbo sar f'laboratorju akktreditat. Illi fissottomissjonijiet tal-appellant jsir paragun tal-esamijiet u testijiet li gew ikkummissjonati mill-Awtorita u kumpanija Palumbo, [Pagna 9 tas-sottomissjoni tal-appellant datata 31 t'Ottubru 2017] fejn *inter-alia* huwa ndikat li l-esamijiet tal-Professur Vella saru f'laboratorju mhux akkreditat b'diversi testijiet li r-rizultati taghhom kienu inkonklussivi, u li l-method tat-test uzat m'huwiex dak rakomandat mill-MEPA f'kaz ta' permess ambjentali.
It-Tribunal josserva li d-dokumenti pprezenti mal-affidavit ta' Dr Robert Cortis jinkludu ddokument RC1 li jikkonsisti min certifikat t'akkreditazzjoni tal-laboratorju li imqabbad millkumpanija Palumbo. Madankollu jirrizulta li l-istudju kkumissjonati mill-kumpanija Palumbo jirrigwarda jekk il-materjal in kwistjoni huwiex wiehed *hazardous*, u mhux jekk il-materjal jikkonsistiex xi *grit* uzat jew materjal iehor.
Illi l-iskeda 3 li ghaliha l-appellant jaghmel referenza fil-paragun tat-testijiet tirrigwarda parametri applikabli f'kaz ta' depozitu ta' grit uzat, u tistipola li l-operatur jista` jigi mitlub li jaghmel analizi tal-materjal, b'tali analizi ghanda ssegwi d-Direttiva 2003/33/EC. Pero kif indikat mill-Awtorita, is-sit odjern m'huwiex sit awtorizzat ghal depositu jew hazna permanenti ta' grit uzat, u fil-fatt hekk kif gie ndikat mill-ERA, il-kumpanija Palumbo ghamlet

diversi talbiet u gew mahruga diversi permessi separati sabiex dan il-materjal jigi esportat. It-Tribunal hawnhekk jippuntwalizza li ghalkemm is-sit odjern jidher li kien jintuza ghal *grit blasting* tal-pjanci tal-hadid u thalla fi stat t'abbandun ghal hafna snin qabel itTarzan giet f'idejn il-kumpanija Palumbo, ma jirrizultax li s-sit kien approvat ghal hazna tal*grit* uzat.
Ghaldaqstant, kif anke jirrizulta mix-xhieda tal-Professur Vella, filwaqt li l-istudju talAwtorita kien intiz sabiex jikkonferma li l-materjali misjub huwa grit uzat, l-istudju talkumpanija tal-Palumbo mar oltre ghaliex fieh gie studjat jekk il-materjal misjub huwiex wiehed *hazardous.* Ghaldaqstant jirrizulta li l-istudji kkummissjonati mill-Awtorita u millkumpanija Palumbo kellhom ghanijiet differenti, u konsegwentament il-konkluzjonijiet talistudju maghmul mill-kumpanija tal-Palumbo ma jiddisturbax il-konkluzjonijiet tal-istudju tal-Professur Vella li fih b'mod ewlieni gie kkonfermat li l-materjal misjub huwa *grit* uzat.
It-Tribunal finalment josserva li l-kwistjoni jekk il-grit uzat huwa materjal perikoluz o meno taqa lil hinn mill-mertu tal-appell odjern u dana stante li l-Avviz ta' Nfurzar ma jindikax li lmaterjal depozitat huwa perikoluz, u ghaldaqstant jirrizulta li l-konkluzjonijiet fir-rapport kkumissjonati mill-kumpanija Palumbo huma mmaterjali ghall-finijiet ta' dan l-appell. Ghaldaqstant hija korretta l-ERA meta din fin-nota finali taghha tindika li mkien ma saru akkuzi li sar rdim ta' skart perikoluz, u li l-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jekk giex mirdum skart.
Ghal dawn il-motivi, dan l-aggravju qed jigi michud.

Ir-Raba` Aggravju
Illi f'dan l-aggravju qed jigi argumentat li ma gietx moghtija raguni fir-rigward tal-allegat ksur tal-Avviz Legali 168 tal-2002 u tal-Avviz Legali 184 tal-2011, kif ukoll li l-imsemmija Avvizi ma jaqghux taht il-gurisdizzjonj tal-Awtorita li harget dan l-Avviz.
It-Tribunal jibda billi josserva li filwaqt li l-appellant jattakka l-applikabbilta tal-Avviz Legali 168 tal-2002 u tal-Avviz Legali 184 tal-2011 minhabba li dawn ma jaqghux taht ilgurisdizzjonj tal-Awtorita li harget tali Avviz, jirrizulta li l-avviz gie marhug f'isem l-Awtorita tal-Ippjanar (PA) u l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi (ERA), u dan skont il-provvedimenti tal-Artikoli 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 u l-Artikolu 76 tal-Att I tal-2016. [Skont dok a fol 14 fl-inkartament tal-ECF369/16] Jirrizulta wkoll li lappellant ma qajjem l-ebda lanjanza dwar l-avviz hekk kif mahrug, u konsegwentament gialadarba l-Avviz ta' Nfurzar gie mahrug ukoll f'isem l-ERA, il-ligijiet li jaqaw taht ilgurisdizzjoni ta' din l-Awtorita huma applikabli.

Illi l-Artikolu 58 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kapitolu 549) imsemmi fl-Avviz ta' Nfurzar in kwistjoni jipprovdi s-segwenti:
*"58.(1) Sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor, ebda persuna m'għandha twettaq kwalunkwe attività jew operat li għandu x'jaqsam mal-ambjent jew li jolqot l-ambjent, jew tkun involuta f'tali attività jew operat, sakemm dik il-persuna m'għandhiex fil-pussess tagħha awtorizzazzjoni mill-Awtorità taħt dan l-Att.*
*(2) L-attivitajiet u l-operati msemmija fis-subartikolu (1) jinkludu, fost oħrajn, l-attivitajiet ul-operati elenkati fl-Iskeda.*
*(3) Awtorizzazzjoni mogħtija lil xi persuna taħt dan l-Att m'għandhiex teħles dik il-persunamill-ħtieġa bil-liġi li tapplika għalkull awtorizzazzjoni oħra tkun kif tkun deskritta, jew minn xi obbligu ieħor li joħroġ taħt xi liġi oħra, jew inkella minn xi obbligu li joħroġ minn kundizzjoni marbuta ma' xi awtorizzazzjoni."*

Illi mis-suespost jirrizulta li jezistu obbligi legali sabiex attivita jew operat li jikkoncerna lambjent tkun awtorizzata mill-ERA, u fil-kaz odjern dak li fl-Avviz ta' Nfurzar qed jigi ndikat li ghandu bzonn jigi awtorizzat mill-ERA huwa *"depositu, ghall-aktar minn sena, ta' materjal ta' skart u materjal iehor mhux inert f'sit mhux awtorizzat u mirdum taht pjattaforma ta' konkos".* F'dan ir-rigward huwa ndikat fl-Avviz ta' Nfurzar li hemm ksur tal-Avviz Legali 168 tal-2002 u tal-Avviz Legali 184 tal-2011.
Illi fir-rigward tal-Avviz Legali 168 tal-2002 gie sottomess affidavit tal-ufficjali tal-ERA li fih gie ndikat li s-sit huwa definit bhala *landfill* skond ir-regolament 2 tal-legisjazzjoni sussidjarja

549.29, b'dan japplika kemm jekk l-iskart ikun perikoluz jew anke mhux perikoluz, u li skont regolament 9 l-operat ta' *landfill* ghandu jkun kopert b'permess, u l-iskart mormi jehtieg jigi ttestjat. L-ufficjal tal-ERA indika wkoll *'spent grit'* perikoluz jista' jehtieg esportat minhabba nuqqas ta' facilitajiet lokali biex jittratta tali skart. [Affidavit mahluf fil-25 ta' Lulju 2017]

It-Tribunal josserva li fl-Avviz ta' Nfurzar in kwistjoni, mkien ma gie ndikat li l-materjal depozitat fuq is-sit huwa wiehed perikoluz, u dan il-fatt gie riaffermat mill-ERA fir-risposta finali taghha. Madankollu l-ERA tishaq li indipendentament min jekk il-materjal depositat huwiex perikoluz, tali depozitu jirrikjedi awtorizzazzjoni. It-Tribunal ikompli josservi li l-legisjazzjoni sussidjarja 549.29 indikata mill-ERA tikkonsisti mill-Avviz Legali 168 tal-2002 kif emendat b'diversi Avvizi Legali sussegwenti, u regolament (2) jelenka diversi definizzjonijiet u jinkludi definizzjoni ta' *landfill* hekk kif segwenti:
*"landfill" tfisser sit tad-disponiment tal-iskart għad-depożitu tal-iskart fuq jew ġo l-art (jiġifieri taħt l-art), inklużi:*
*-sit għad-disponiment tal-iskart intern jiġifieri landfill fejn produttur tal-iskart qed iwettaq id-disponimentta l-iskart tiegħu f'post ta' produzzjoni;*
*-sit permanenti jiġifieri sit li jintuża bħala ħażna temporanja tal-iskart għal iktar minn sena; imma jeskludu:*
*-faċilitajiet fejn skart jinħatt sabiex jippermetti l-preparazzjoni tiegħu għal iktar trasport għal irkupru,trattament jew disponiment band'oħra u*
*-ħażna ta' skart qabel l-irkupru jew it-trattament għalperjodu inqas minn tliet snin bħala regola ġenerali, jewħażna ta' skart qabel id-disponiment għal perjoduinqas minn sena;"*

Illi gialadarba t-testijiet tal-Professur Vella jindikaw b'mod car li l-materjal mishub fil-kaxxi investigattivi jikkonsisti fi *grit* uzat, huwa ferm car li jiskattaw l-obbligi legali ai termini talAvviz Legali 168 tal-2022 u l-Avvizi sussegwenti sabiex tali depozitu jkun wiehed awtorizzat mill-ERA, xi haga li l-kumpanija Palumbo qatt ma talbu ghaliha, u ghaldaqstant jidher car li l-obbligi legali ambjentali relatati mad-depositu tal-materjali mirdum taht il-pjattaforma talkonkos m'humiex jigu rispettati hekk kif rikjest fl-imsemmija regolamenti. It-Tribunal josserva wkoll li huwa mmaterjali minn min gie prodott il-materjal taht il-pjattaforma, ghaliex ladarba il-kumpanija Palumbo hadet r-responsabbilita' tal-operat tat-tarzna fl-2010, u l-immaniggjar u depositu ta' dan il-materjali jaqa` taht ir-responsabbilta tal-imsemmija kumpanija..
It-Tribunal madankollu josserva li l-Avviz Legali 184 tal-2011 huma Regolamenti tal-2011 dwar l-Iskart, u fir-risposta tal-zewg Awtoritajiet, ossia tal-PA u tal-ERA, mkien ma gie ndikat kif l-attivita fuq is-sit odjern hija bi ksur tal-imsemmija regolamenti, u ghaldaqstant linkluzjoni ta' dan fl-Avviz ta' Nfurzar m'hijiex wahda gustifikata anke ghaliex gie kkonfermat mill-uffucjali tal-istess ERA li fit-tarzna hemm *designated area* ghal *grit* uzat hdejn Dock 6 kif mmarkat fl-applikazzjoni tal-*environmental permit* EP 06/11, u li nhargu wkoll diversi permessi sabiex grit uzat jigi esportat. [Affidavit mahluf fil-31 ta' Lulju 2017]
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qed jichad in parti r-raba aggravju, izda jilqa` in parti listess aggravju minhabba nuqqas ta' prova li hemm ksur tal-Avviz Legali 184 tal-2011.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qed jilqa` dan l-appell b'mod limitat u jordna sabiex fizzmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni, l-Avviz ta' Nfurzar bin-numru ECF 369/16 jigi emendat sabiex dan ma jinkludix li hemm ksur tal-Avviz Legali 184 tal-2011.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Id-decizjoni hi nulla minhabba konflitt ta' interess ta' membru tat-Tribunal cioe Dr Abigail Bugeja peress li ghal diversi seduti quddiem it-Tribunal hi dehret bhala rapprezentant legali tal-Awtorita u iffirmat diversi atti u illi meta sussegwentement saret membru tat-Tribunal hi baqghet wiehed mill-membri li iddecieda dan il-kaz;
2. L-Awtorita ma kellha ebda setgha li tohrog l-avviz ta' enforzar. Ir-regolament 3 tal-A.L. 109/2016 stabilixxa l-4 ta' April 2016 fejn il-funzjonijiet sa dak iz-zmien imwettqa mid-Direttorat tal-Ippjanar gew assunti mill-Awtorita tal-Ippjanar skont l-Att dwar l-Ippjanar, u l-funzjonijiet sa dak iz-zmien imwettqa mid-Direttorat ghal Protezzjoni tal-Ambjent kellhom jigu assunti mill-Awtorita ghall-Ambjent u Rizorzi. Billi l-avviz ta' enforzar hareg fis-7 ta' Lulju 2016 l-Awtorita tal-Ippjanar ma setghetx tohrog avviz ta' enforzar b'referenza ghal allegat ksur tal-Kap. 549 jew avviz legali mahrug tahtu li jaqghu fis-setgha tal-Awtorita ghall-Ambjent u Rizorsi. It-Tribunal fil-fatt irrikonoxxa din il-problema u b'verbal sejjah lil Awtorita ghall-Ambjent bhala parti fil-procedura. Ma setax isir appell f'dak l-istadju ghax mhux possibli isir appell minn decizjoni parzjali pero dan il-verbal ma jissanax in-nuqqas fl-avviz ta' enforzar liema nuqqas kien aggravju tal-appellanti. Subordinatament anki jekk l-Awtorita ghall-Ambjent titqies parti xorta d-decizjoni hi nulla ghax inghatat biss fil-konfront tal-Awtorita tal-Ippjanar;
3. L-appellanti tishaq illi t-Tribunal kien zbaljat meta ikkonkluda li inholqot landfill u sar tibdil tal-uzu tal-art billi jirrizulta car li kull ma sar hu tindif u manutenzjoni ta' sit li baqa' l-istess kif kien izda imnaddaf u illivellat. Ma sar ebda tibdil fl-uzu tal-art;
4. L-avviz ta' enforzar ma setax jinhareg ghax jirrigwarda attivita li kienet tipprecedi d-dhul tal-ligjijiet imsemmija cioe fl-2016 meta l-fatti urew li l-materjal mertu tal-avviz kien ilu hemm ghal ghexieren ta' snin u gie depozitat mill-predecessuri tal-appellant. Sahansitra ma giet imposta ebda multa skont Avviz Legali 276/2012 ghaliex ma kien hemm ebda prova li l-izvilupp illegali sar wara l-24 ta' Novembru 2012 kif trid il-ligi;
5. Il-Professur Vella kellu konflitt ta' interess fl-irwol tieghu bhala membru tal-Bord tal-Awtorita ghal Ambjent u Rizorsi mill-2016-il quddiem meta hu hejja r-rapport dwar il-materjal li instab fis-sit u testijiet li twettqu fuq il-materjal u t-Tribunal strah fuq dan ir-rapport meta cahad it-tielet aggravju tal-appellanti quddiem it-Tribunal. Dan ir-rapport ghalhekk qatt ma kellu jigi utilizzat u ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal hi nulla jew fl-ahjar ipotesi tali rapport ghandu jigi sfilzat.

**L-ewwel aggravju**

Il-Qorti ma tistax ma turix disappunt u dizapprovazzjoni fl-agir tal-appellant li kwistjoni bhal din ma tqajmitx quddiem it-Tribunal malli l-avukat Bugeja saret membru tat-Tribunal. Jidher illi fis-seduta quddiem it-Tribunal tat-2 ta' Settembru 2021 wiehed mill-membri astjena u t-Tribunal ivverbalizza li l-appell kien qed jigi differit ghal site inspection u li l-appellant kien ser jigi infurmat bil-bdil tal-kompozizzjoni tat-Tribunal b'ittra u l-appellant kellu jinforma bil-miktub jekk isibx oggezzjoni.

Ma jidhirx mill-atti li saret l-ittra tat-Tribunal u anqas risposta tal-appellanti. Madankollu fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021, sar verbal fejn dehru l-partijiet assistiti mill-konsultenti legali fejn it-Tribunal habbar il-kompozizzjoni tat-Tribunal u l-partijiet iddikjaraw li ma joggezzjonawx ghat-Tribunal kif diversament kompost.

L-artikolu 4(6) tal-Kap. 551 jipprevedi li membru ghandu jkun skwalifikat milli jisma appell skont ma jipprovdi l-artikolu 734 tal-Kap. 12 u l-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap. 12 isib li hemm lok ghal rikuza meta l-gudikant ikun ta parir jew ittratta jew kiteb dwar il-kawza.

La darba l-appellanti fl-istadju opportun iddikjaraw li ma sabux oggezzjoni li l-avukat Bugeja tkun parti mill-kompozizzjoni, ma jistghux f'dan l-istadju japprofittaw ruhhom u jressqu dan l-aggravju. Hu minnu illi l-etika professjonali kienet titlob lill-avukat Bugeja tastjeni minn jeddha tenut kont li jidher li f'xi zmien kienet tippatrocina lill-Awtorita f'dawn il-proceduri ta' zvilupp. Pero l-kwistjoni hawn mhix l-agir censurabbli tal-avukat Bugeja izda l-legalita procedurali tal-process. L-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jitkellimx fuq projbizzjoni awtomatika izda talba ghal rikuza jew astensjoni minn jeddu tal-gudikant. F'dan il-kaz ma sehh xejn minn dan kollu quddiem it-Tribunal. L-artikolu 735 imbaghad iqis li gudikant jista' jkompli jisma l-kawza jekk il-partijiet jaghtu espressament il-kunsens taghhom. Hekk gara f'dan il-kaz u ghalhekk l-aggravju hu fieragh u mhix leali lejn il-parti l-ohra, lejn it-Tribunal jew lejn il-Qorti.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju ma fihx mis-sewwa. L-Avviz ta' Twaqqif u Twettiq u Ordni ta' Konformita EC369/16 sar bis-sahha tal-Kap. 552 (Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp) u l-

Kap. 549 (Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent) tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta illi l-investigazzjonijiet bdew meta ma kienx ghadu sar id-demerger tal-Awtoritajiet biz-zewg ligijiet fuq imsemmija u ghalhekk id-Direttorat tal-Infurzar fi hdan il-MEPA kien qed jigi assistit mid-Direttorat tal-Ambjent. Billi lahqu saru l-ligijiet fuq imsemmija l-avviz ta' enforzar inhareg bhala wiehed imma li kien jikkomprendi liz-zewg entitajiet.

L-appellant jirreferi hazin ghar-regolament 3 tal-A.L. 9/016 biex isostni li meta hareg l-avviz, l-Awtorita tal-Ippjanar ma setghetx tohrog avviz ta' enforzar bi ksur tal-Kap. 549. Ir-regolament 5 tal-istess A.L. 109/2016 hu dak applikabbli u jghid testwalment:

> 5. Mill-4 ta' April 2016 il-funzjonijiet kollha li attwalment qed jigu mwettqa mid-Direttorat ghas-Servizzi Korporattivi u l-funzjonijiet kollha li attwalment qed jigu mwettqa mid-Direttorat ghall-Infurzar ghandhom ikunu temporanjament assenjati u assunti mill-Awtorità tal-Ippjanar kif stabbilita taht l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, sakemm jigu assenjati b'mod permanenti skont ir-regolament 4.

Kien bl-A.L. 113/2017 regolament 6 li emenda l-A.L. 109/2016 li stabilixxa l-1 ta' Marzu 2017 bhala d-data li b'mod permanenti u esklussiv ir-responsabilta tal-konformita u enforzar giet mghoddija lill-ERA kif stabbilit fil-Kap. 549.

Ghalhekk sal-1 ta' Marzu 2017 il-poter ta' enforzar baqa' vestit fid-Direttorat ghal Konformita fi hdan il-MEPA.

Jghidu hazin l-appellanti li d-decizjoni tat-Tribunal hi nulla billi t-Tribunal dahhal l-ERA fil-proceduri meta ma kinitx parti mill-avviz. Hu car illi t-Tribunal ghamel sew li dahhal lill-ERA bhala parti billi l-avviz jirrigwarda wkoll transgressjoni ta' provvediment tal-Kap. 549 ghalkemm proceduralment kienet korretta l-Awtorita li l-avviz hareg taht l-intestatura taghha kif fuq spjegat. Jghidu wkoll hazin li d-decizjoni hi hazina ghax fl-okkju tad-decizjoni issemmiet l-Awtorita tal-Ippjanar biss. Din il-kwistjoni procedurali, purament ta' zball, li ma jinfluix fuq il-mertu giet rizolta bid-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Frar 2024 u ma hemmx aktar x'jinghad.

**It-tielet aggravju**

Dan mhux aggravju fuq punt ta' ligi izda apprezzament tekniku ta' fatt li t-Tribunal dahal fih fid-dettal u ghalkemm l-appellanti ma jaqblux mal-konsiderazzjonijiet

maghmula, b'daqshekk il-kwistjoni ma tinbidilx fi kwistjoni ta' punt ta' ligi. Madankollu t-Tribunal qies li ghalkemm tnehha hafna materjal pero kien baqa' kwantita ta' materjal tal-grit li gie uzat taht pjattaforma tal-konkos. Dan ma kienx xoghol ta' tindif jew manutenzjoni. It-Tribunal qies ukoll li ma kienx hemm permess biex materjal tal-grit jigi mahzun b'mod permanenti u dan ifisser tibdil ta' uzu li jehtieg awtorizzazzjoni tal-ERA. Ikkonkluda li l-hazna tal-grit ghal aktar minn sena tekwivali ghal landfill kif definit fir-regolament dwar l-Immanigjar tal-Iskart (L.S. 549.29). il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba punti ta' fatt u anqas interpretazzjoni ragonevoli ta' tifsira fil-ligi ghal kwistjonijiet purament ta' natura teknika.

L-aggravju hu michud.

**Ir-raba' aggravju**

Dan l-aggravju mhux siewi. Il-Kap. 552 u 549 dahlu fis-sehh qabel l-Avviz ta' Enforzar u ghalhekk l-avviz kien regolat bihom. Hu car li l-artikolu 7 tal-Kap. 552 ta lill-Awtorita l-funzjonijiet kollha li qabel kienu assenjati lilha skont il-Kap. 504 li ipprecedih u l-artikolu 95, 97 u 98 tal-Kap. 552 jipprovdu ghal revizjoni ta' attivitajiet bhal dawk tal-izvilupp imwettqa qabel id-dhul fis-sehh tal-artikolu. L-uniku limitazzjoni hi ghal zvilupp li sehh qabel l-1967 li mhux il-kaz. In oltre qari tal-artikolu 36(1) tal-Kap. 552 juri li avviz jigi annullat biss jekk hemm permess b'din il-ligi jew ligi ohra fis-sehh qabel jew ebda permess ma hu mehtieg. Il-ligi ma teskludix hrug ta' avviz ta' enforzar ghal zvilupp ta' bini qabel id-dhul tal-Kapitolu 552. B'zieda hemm l-artikolu 76 tal-Kap. 549 u l-artikolu 97 tal-Kap. 552 jistabilixxi li avviz ta' enforzar jista' jsir fuq is-sid tal-art jew l-okkupant jew il-persuna responsabbli ghall-azzjonijiet imsemmija fl-avviz jew kwalunkwe kombinazzjoni taghhom. Hu car illi l-avviz hareg fuq min qed jiggestixxi jew jokkupa s-sit skont il-ligi vigenti. Meta saret l-illegalita u jekk ma saritx jew saret kollha jew in parti mill-appellant hi irrelevanti ghal fini tal-Att dwar l-Ippjanar salv dejjem id-drittijiet tal-appellant kontra terzi jekk ikun il-kaz.

**Il-hames aggravju**

Dan l-aggravju hu wkoll bla mertu. Din il-lanjanza ma tqajmet qatt quddiem it-Tribunal meta kien car ghal partijiet inkluz l-appellanti li l-Professur Vella kien membru tal-Bord tal-ERA skont il-ligi bejn l-2016 u 2023 u dan ir-rwol tal-Professur

Vella kien pubblikat kemm fil-Gazzetta tal-Gvern u wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita u ghalhekk ta' dominju pubbliku. Jekk l-appellant kellu oggezzjoni ghax-xiehda u rapport tal-Professur Vella kellu kull opportunita jqajjem il-lanjanza quddiem it-Tribunal.

Aghar minn hekk pero l-appellant ma jindikax fl-aggravju fejn u kif ix-xiehda tal-Professur Vella kienet tinpingi fuq l-integrita jew l-imparzjalita tieghu f'dak li xehed u kiteb. L-allegazzjoni wahedha ta' konflitt ta' interess minghajr ebda prova li issostni l-allegazzjoni hi perikoluza ghax titfa dell indebitu fuq il-persuna tax-xhud li ma ghandux f'dawn il-proceduri mezzi biex ixejjinha. Apparti dan kollu pero l-avviz ta' enforzar ma harigx mill-ERA izda mill-Awtorita kif kienet il-ligi fiz-zmien li inhareg l-avviz kif gia spjegat fit-tieni aggravju.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-20 ta' Lulju 2023, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur